IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

MT

2018

# L-integrazzjoni ta' migranti li jkunu ġejjin minn barra t-territorju tal-UE

## Dokument Informattiv u Analitiku

Ġunju 2018



WERREJ

| | Paragrafu |
|---|---|
| Sommarju tal-isfidi ewlenin għall-integrazzjoni effettiva tal-migranti | I - IX |
| Introduzzjoni | 1 - 13 |
| Migranti | 1 - 5 |
| Integrazzjoni | 6 - 9 |
| Objettiv u approċċ ta' dan id-dokument informattiv u analitiku | 10 - 13 |
| L-UE tipprovdi inċentiv u appoġġ għall-integrazzjoni tal-migranti | 14 - 38 |
| Kważi għoxrin sena ta' appoġġ mill-UE għall-Istati Membri | 15 - 17 |
| Il-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni għandha impatt fuq il-politiki nazzjonali ta' integrazzjoni | 18 - 21 |
| Id-drittijiet indaqs u n-nondiskriminazzjoni huma kritiċi għall-integrazzjoni tal-migranti | 22 - 23 |
| Il-fondi tal-UE jintużaw għall-integrazzjoni tal-migranti | 24 - 27 |
| Mill-2015 'il hawn, l-UE żiedet l-azzjoni tagħha biex tistimula l-integrazzjoni tal-migranti | 28 - 38 |
| L-istati membri huma primarjament responsabbli għall-integrazzjoni tal-migranti | 39 - 54 |
| Il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri stabbilew politiki ta' integrazzjoni | 40 - 42 |
| Attwalment, id-data dwar l-integrazzjoni hija limitata | 43 - 47 |
| Is-sinerġiji u l-komplementarjetà jiddependu fuq l-effettività tal-koordinazzjoni fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali | 48 - 54 |
| Kummenti tal-aħħar | 55 - 57 |

Anness I - Glossarju
Anness II - Għadd ta' migranti fl-Istati Membri u l-perċentwal tagħhom fil-popolazzjoni (2017)
Anness III - Stħarriġ dwar l-integrazzjoni tal-migranti
Anness IV - Kronoloġija tal-qafas tal-UE għall-integrazzjoni tal-migranti
Anness V - Direttivi fis-seħħ dwar il-migrazzjoni li huma rilevanti għall-integrazzjoni tal-migranti
Anness VI - Kundizzjonijiet ta' integrazzjoni previsti fil-liġi tal-UE dwar il-migrazzjoni
Anness VII - Stampa ġenerali tal-azzjonijiet eliġibbli relatati mal-integrazzjoni, taħt l-AMIF, l-FSIE u l-FEAD

**SOMMARJU TAL-ISFIDI EWLENIN GĦALL-INTEGRAZZJONI EFFETTIVA TAL-MIGRANTI**

I. Dan id-dokument informattiv u analitiku mhuwiex rapport tal-awditjar. Huwa jiġbor flimkien informazzjoni minn varjetà kbira ta' sorsi, li ftit minnha diġà hija disponibbli għall-pubbliku u ftit minnha ġbarnieha aħna stess. Dan id-dokument jiddeskrivi l-azzjoni meħuda mill-UE għall-appoġġ tal-integrazzjoni ta' persuni li qed jgħixu legalment fuq it-territorju tagħha iżda li mhumiex ċittadini tagħha ("migranti"). Permezz ta' dan, aħna identifkajna għadd ta' sfidi ewlenin relatati mal-integrazzjoni tagħhom.

II. Iż-żieda reċenti fl-għadd ta' persuni li jfittxu protezzjoni fuq it-territorju tal-UE xeħtet dawl qawwi fuq il-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni. L-impatt fit-tul ta' dan il-fluss ta' migranti lejn l-UE jiddependi fuq kemm ikunu integrati tajjeb. Filwaqt li l-Istati Membri huma primarjament responsabbli għall-integrazzjoni tal-migranti, f'dawn l-aħħar għoxrin sena l-UE kellha rwol importanti fl-għoti ta' appoġġ u ta' inċentivi lilhom. Minbarra l-iskambju ta' informazzjoni, prattiki tajbin kif ukoll tagħlim reċiproku u kooperazzjoni, l-UE tiffaċilita l-użu tal-finanzjament li hija tagħti u tipprovdi qafas għall-iżvilupp tal-politika dwar il-migrazzjoni u l-politika kontra d-diskriminazzjoni (il-***paragrafi 1 sa 17***).

III. Il-migrazzjoni u l-integrazzjoni huma interkonnessi mill-qrib. Id-direttivi attwali tal-UE dwar il-migrazzjoni jipprovdu sett ta' kundizzjonijiet minimi għad-dħul u r-residenza, kif ukoll drittijiet ta' trattament indaqs. L-Istati Membri għandhom ċertu ammont ta' diskrezzjoni fil-mod ta' kif jittrasponu dawn id-direttivi fil-liġi nazzjonali, bir-riżultat li r-regoli applikati għall-migranti mhumiex identiċi fl-Istati Membri kollha. Dawn id-differenzi jwasslu biex il-migranti, inklużi dawk li jkunu qed ifittxu l-asil u r-refuġjati, imorru minn pajjiż għall-ieħor, u dan jirriżulta biex il-proċess ta' integrazzjoni jdum ma jibda. Fattur ieħor li jaffettwa l-integrazzjoni huwa li xi kultant, iż-żmien meħud għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet huwa twil (il-***paragrafi 18 sa 21***).

**Sfida Nru 1: Tnaqqis ta' dewmien biex jinbeda l-proċess ta' integrazzjoni**

IV. Minkejja li teżisti leġiżlazzjoni tal-UE għall-promozzjoni ta' drittijiet indaqs u n-nondiskriminazzjoni, l-immigrazzjoni ta' persuni li jkunu ġejjin minn barra t-territorju tal-UE tkompli tqajjem sentimenti negattivi f'ħafna Ewropej. F'xi Stati Membri, dan għandu impatt negattiv fuq l-integrazzjoni tal-migranti (il-***paragrafi 22 u 23***).

**<u>Sfida Nru 2</u>: Garanzija ta' drittijiet indaqs u ta' nondiskriminazzjoni**

V. B'rispons għaż-żieda fil-fluss ta' migranti lejn l-UE, din immobilizzat aktar minn EUR 5 000 miljun f'finanzjament addizzjonali għall-migrazzjoni fil-baġit tagħha mill 2015 'il hawn. Madankollu, l-Istati Membri ddikjaraw li huma kienu jeħtieġu ammont addizzjonali ta' madwar EUR 450 miljun speċifikament biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' integrazzjoni tal-migranti taħt l-ambitu tal-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni. Skont il-Kummissjoni, il-ħtiġijiet se jiġu vvalutati b'mod regolari fil-kuntest tal-proċeduri baġitarji annwali (il-***<u>paragrafi 32 sa 34</u>***).

**<u>Sfida Nru 3</u>: Valutazzjoni soda u komprensiva ta' ħtiġijiet u ta' finanzjament**

VI. Barra minn hekk, il-Kummissjoni żiedet l-appoġġ tagħha għall-isforzi li jsiru mill-Istati Membri biex itejbu l-integrazzjoni tal-migranti. Fl-2016, hija żviluppat Pjan ta' Azzjoni dwar l-integrazzjoni bi 52 miżura li jridu jitwettqu fil-livell tal-UE. Fl-2018, il-Kummissjoni se tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni lill-Parlament u lill-Kunsill. Sa Diċembru 2017, 23 azzjoni kienu għadhom ma ġewx ikkompletati. L-Istati Membri huma wkoll imħeġġa jiżviluppaw miżuri speċifiċi biex jindirizzaw ċerti oqsma. Skont il-Kummissjoni, billi dawn il-miżuri ġew ifformulati bħala suġġerimenti għall-Istati Membri u jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom, hija ma timmonitorjahomx (il-***<u>paragrafi 35 sa 36</u>***).

**<u>Sfida Nru 4</u>: Impenn mill-Istati Membri biex jimplimentaw il-Pjan ta' Azzjoni**

VII. Il-maġġoranza tal-Istati Membri għandhom politiki ta' integrazzjoni stabbiliti fi ħdan oqfsa ta' politika differenti. Dawn la jindirizzaw sistematikament il-gruppi kollha ta' migranti u lanqas ma jittrattaw dejjem l-oqsma kollha ta' integrazzjoni. Dgħufijiet fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politiki ta' integrazzjoni ġew identifikati f'rapporti maħruġa mill-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar fl-Istati Membri (il-***<u>paragrafi 40 sa 42</u>***).

**<u>Sfida Nru 5</u>: Appoġġ lill-migranti kollha fl-oqsma rilevanti kollha ta' politika**

VIII. Il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri ma għandhomx stampa ġenerali kompleta tal-għadd ta' migranti li jingħataw appoġġ u/jew tal-ammont li jintnefaq fuq il-miżuri ta' integrazzjoni. Fil-livell tal-UE, sett ta' indikaturi komuni ewlenin ("Zaragoza") jirrappreżentaw pass 'il quddiem fil-fehim tal-integrazzjoni fl-UE, iżda mhux l-Istati Membri kollha jużawhom u, skont

il-Kummissjoni, dawn l-indikaturi għandhom ċerti limitazzjonijiet Fil-livell nazzjonali, hemm diversi dgħufijiet fil-monitoraġġ. Fil-kuntest tar-reviżjoni attwali tar-Regolament dwar il-FEŻR, il-Kummissjoni qed tipproponi l-ħolqien ta' indikaturi ddedikati għal dan il-Fond. Dan jista' jiffaċilita l-iżvilupp tat-tfassil ta' politiki bbażat fuq l-evidenza (il-***paragrafi 43 sa 47***).

**Sfida Nru 6: Monitoraġġ effettiv tal-eżiti ta' integrazzjoni biex jitkejjel il-progress u, jekk ikun meħtieġ, jiġu adattati l-politiki**

IX. Fondi differenti tal-UE jistgħu jiffinanzjaw l-istess tip ta' azzjoni għall-istess grupp fil-mira. Biex jiġu żgurati koordinazzjoni u sinerġiji bejn il-fondi tal-UE, jeżistu mekkaniżmi u għodod differenti fil-livell tal-UE, li wħud minnhom ġew żviluppati mill-Kummissjoni. Fl-aħħar mill-aħħar, hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri biex jistabbilixxu mekkaniżmi ta' koordinazzjoni effettivi. Hemm aktar minn 400 entità differenti involuti fil-ġestjoni ta' miżuri għall-integrazzjoni ta' migranti fl-Istati Membri. Il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri għandhom korp ta' koordinazzjoni, iżda jeżistu dgħufijiet fil-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni stabbiliti (il-***paragrafi 48 sa 54***).

**Sfida Nru 7: Koordinazzjoni effettiva ta' finanzjament fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali**

## INTRODUZZJONI

### *Migranti*

> *Leila għadha kif waslet fl-UE. Hija qiegħda fil-kju għall-kontroll tal-passaporti, u qed iżżomm il-viża tagħha f'id waħda u l-wild tagħha bl-id l-oħra. Leila biħsiebha tingħaqad ma żewġha, li daħal fl-UE bħala migrant xi żmien qabel. Huwa impjegat u diġà qed jaħseb biex joħloq in-negozju tiegħu. Leila ma tafx titkellem bil-lingwa lokali, iżda hija ottimista dwar il-futur ta' familtha.*

1. Leila hija persuna fittizja, iżda hemm aktar minn 21 miljun persuna bħalha li jirrisjedu legalment fit-territorju tal-UE mingħajr ma għandhom iċ-ċittadinanza. Dan ifisser li madwar **4 % tal-popolazzjoni tal-UE huma migranti li jirrisjedu legalment u li ġejjin minn barra t-territorju tal-UE** (ara l-***Figura 1***). Kull sena, xi wħud minnhom isiru ċittadini tal-UE. Fil-perjodu mill-2013 sal-2016, madwar 3.2 miljun migrant li ġew minn barra t-territorju tal-UE akkwistaw ċittadinanza fi Stat Membru tal-UE. Jekk jitqiesu l-migranti tat-tieni ġenerazzjoni, kważi 18 % tal-popolazzjoni li tirrisjedi fl-UE ġejja minn kuntest ta' migrazzjoni[1].

**Figura 1 - Fl-2017, madwar 4 % tal-popolazzjoni tal-UE kienu migranti li jirrisjedu legalment u li ġejjin minn barra t-territorju tal-UE**




*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Eurostat, u s-sitwazzjoni f'Marzu 2018.

2. F'dan id-dokument informattiv u analitiku, **aħna nirreferu għal dawk kollha li jgħixu legalment fl-UE iżda li mhumiex ċittadini tagħha,** inklużi dawk li jkunu qed ifittxu l-asil u r-refuġjati, **bħala "migranti"**. Fil-leġiżlazzjoni tal-UE, il-migranti kollha jissejħu "ċittadini ta' pajjiżi terzi". Il-kategorija ġenerali ta' migranti tinkludi gruppi differenti ta' persuni (ara l-***Figura 2***), bi drittijiet, ħtiġijiet u obbligi differenti. Dan id-dokument informattiv u analitiku ma jindirizzax persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni fl-UE. Aktar dettalji dwar it-terminoloġija jingħataw fl-***Anness I***.

**Figura 2 - Migranti li ġejjin minn barra t-territorju tal-UE**

| "MIGRANTI" (inklużi l-persuni mingħajr Stat) | | | |
|---|---|---|---|
| Persuni li jemigraw għal skopijiet ta' impjieg, riunifikazzjoni tal-familja, studju jew riċerka | Persuni li jfittxu protezzjoni: persuna li tfittex l-asil/ applikant għall-asil | Persuni li jingħataw protezzjoni: refuġjati, persuni taħt protezzjoni sussidjarja jew umanitarja | Persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni<br>Mhumiex indirizzati f'dan id-dokument informattiv u analitiku |

*Sors:* Il-QEA.

3. L-UE minn dejjem kienet suġġetta għal flussi migratorji, iżda ż-żieda sinifikanti reċenti fl-għadd ta' persuni li jfittxu l-asil fl-UE, li jirrappreżentaw wieħed mill-gruppi ta' migranti, żiedet is-sensibilizzazzjoni tal-ħtieġa urġenti li l-migrazzjoni tiġi indirizzata aħjar. Fil-perjodu ta' erba' snin mill-2014 sal-2017, **kważi 3.7 miljun persuna applikaw għall-asil għall-ewwel darba fl-UE**, tliet darbiet aktar minn dak fl-erba' snin ta' qabel. Madwar nofshom ingħataw protezzjoni (ara l-***Figura 3***).

**Figura 3 - L-ammont ta' applikazzjonijiet għall-asil għall-ewwel darba triplika matul il-perjodu 2014-2017, filwaqt li ngħatat protezzjoni lil inqas minn nofs l-applikanti**




Nota: B'applikazzjonijiet għall-asil għall-ewwel darba qed nirreferu għat-talbiet għal protezzjoni internazzjonali li saru għall-ewwel darba fi Stat Membru partikolari. It-total tad-deċiżjonijiet pożittivi meħuda dwar l-applikazzjonijiet għall-asil jirreferi għad-deċiżjonijiet kollha fejn tingħata protezzjoni, irrispettivament mill-istadju tal-proċedura (jiġifieri, kemm deċiżjonijiet fl-ewwel istanza kif ukoll deċiżjonijiet wara l-appell) u irrispettivament minn meta tkun saret l-applikazzjoni għall-asil. Wara li tittieħed deċiżjoni pożittiva, il-persuni ma jibqgħux jitqiesu bħala persuni li jfittxu l-asil iżda bħala refuġjati jew persuni oħra li jibbenefikaw minn protezzjoni.

*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Eurostat, is-sitwazzjoni f'Marzu 2018.

4. Fl-2016, il-**maġġoranza tal-migranti** li kienu jirrisjedu legalment fl-UE kienu persuni bħal Leila li **kienu** fl-UE **biex jingħaqdu mal-membri tal-familja tagħhom** (39 %), jew li kienu qed iwettqu attivitajiet imħallsin bħal xogħol jew riċerka (16 %). Barra minn dawn, 6 % oħra kienu qed jistudjaw, filwaqt li 6 % biss kienu refuġjati u persuni oħra taħt protezzjoni internazzjonali. Għal 33 %, informazzjoni dwar ir-raġuni għall-migrazzjoni mhijiex disponibbli[2].

5. Il-migranti jinsabu mxerrdin mal-UE kollha, u ħames Stati Membri (il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, u r-Renju Unit) jospitaw madwar 77 % tal-popolazzjoni totali tal-migranti. Għaldaqstant, il-migranti jikkostitwixxu madwar 5 % tal-popolazzjoni f'dawk il-pajjiżi. L-***Anness II*** jipprovdi aktar dettalji dwar id-distribuzzjoni tal-migranti fl-UE kollha. Il-migranti mit-Turkija, mill-Marokk, mill-Ukrajna u miċ-Ċina huma dawk li huma l-aktar irrappreżentati fil-popolazzjoni tal-migranti fl-UE; flimkien huma jikkostitwixxu 31 % tal-migranti li kienu jgħixu fl-UE fl-2016[2]. B'mod ġenerali, l-UE għandha migranti li ġejjin minn 174 pajjiż differenti.

***Integrazzjoni***

*Kollox kien ġdid għal Leila. Hija sabet appoġġ miċ-ċentru ta' informazzjoni lokali, li jipprovdi konsulenza lil migranti li jkunu għadhom qed jaslu. Hija kellha ċertu livell ta' edukazzjoni u ddeċidiet li tipparteċipa f'xi wħud mis-sessjonijiet ta' taħriġ li kienu qed jiġu offruti. Bdiet kors lingwistiku u għamlet xi ħbieb. Il-wild tagħha ġie rreġistrat fl-iskola lokali.*

*Fil-bidu, Leila kellha bżonn l-għajnuna ta' xi ħadd biex jittraduċilha. Darba waħda, voluntier minn NGO akkumpanjaha għand it-tabib biex jiffaċilita l-komunikazzjoni bejniethom. Maż-żmien, hija tgħallmet il-lingwa lokali u applikat għal programm ta' taħriġ biex ittejjeb il-kwalifiki tagħha. Hija kellha aċċess għas-suq tax-xogħol, iżda kien għad ma kellhiex impjieg.*

*Snin wara, meta kienet integrata tajjeb fis-suq tax-xogħol, Leila ddeċidiet li tagħti l-kontribut tagħha lis-soċjetà. Issa hija voluntiera f'NGO, fejn tipprovdi konsulenza lil persuni li jkunu għadhom kif waslu u tipprovdi traduzzjoni u medjazzjoni kulturali għal dawk li jeħtiġuh. Il-wild tagħha kiber u issa għandu l-familja u x-xogħol tiegħu.*

6. L-**Integrazzjoni hija parti mill-proċess ta' migrazzjoni** (ara l-***Figura 4***). Biex timmaniġġja l-migrazzjoni, l-UE: tikkomunika ma' pajjiżi barra mit-territorju tagħha biex tindirizza l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni; tistabbilixxi l-kundizzjonijiet minimi għad-dħul u r-residenza li l-migranti jridu jissodisfaw biex ikunu jistgħu jirrisjedu legalment fl-UE; tiddefinixxi l-miżuri ta'

sigurtà u ta' kontroll fil-fruntieri u tappoġġa l-politiki tal-Istati Membri favur l-integrazzjoni tal-migranti. Studji li twettqu wrew li integrazzjoni aħjar tal-migranti tirriżulta f'vantaġġi ekonomiċi, soċjali u fiskali akbar u aktar fit-tul għall-pajjiż li jmorru joqogħdu fih[3].

**Figura 4 - L-integrazzjoni hija parti mill-proċess ta' migrazzjoni**




*Sors*: Il-QEA.

7. L-**integrazzjoni tal-migranti tista' tkun tirrikjedi li tittieħed azzjoni f'ħafna oqsma** - inklużi, pereżempju, l-edukazzjoni, l-impjieg, l-akkomodazzjoni, is-saħħa u l-kultura. Dawk li jfasslu l-politiki ta' integrazzjoni jridu jkunu jafu l-mod kif l-integrazzjoni tkun se tiġi implimentata (bħal min se jkun il-grupp fil-mira, x'miżuri jridu jiġu implimentati u kif jista' jiġi vvalutat l-impatt tagħhom). B'riżultat ta' dan, it-tifsira ta' "integrazzjoni" tvarja minn pajjiż għall-ieħor. Għalkemm ma teżistix definizzjoni formali fil-livell tal-UE, fl-2004, il-Kunsill żviluppa 11-il Prinċipju Bażiku Komuni għall-politika ta' integrazzjoni tal-immigranti. Dawn il-prinċipji ddefinew l-integrazzjoni bħala proċess dinamiku bidirezzjonali, fit-tul u kontinwu ta' adattament reċiproku[4], jiġifieri proċess soċjali li jinvolvi kemm il-migranti kif ukoll is-soċjetà li tilqagħhom (ara l-***Figura 5***).

**Figura 5 - Prinċipji Bażiċi Komuni għall-integrazzjoni tal-migranti**




*Sors*: Il-QEA, ibbażat fuq il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2004 dwar il-politika ta' integrazzjoni tal-immigranti fl-UE.

8. Il-***Kaxxa 1*** tippreżenta eżempji illustrattivi ta' proġetti li ġew żviluppati fl-Istati Membri bl-għajnuna ta' finanzjament mill-UE fl-oqsma differenti ta' integrazzjoni.

**Kaxxa 1 - Eżempji ta’ proġetti ta’ integrazzjoni li ngħataw appoġġ mill-UE u li huma mmirati lejn il-migranti fl-Istati Membri tal-UE.**

| | |
|---|---|
| Impjieg | Promozzjoni ta’ internships f’assoċjazzjoni industrijali għall-benefiċjarji ta’ protezzjoni internazzjonali, bl-għan li jissaħħu l-ħiliet professjonali tal-migranti u li dawn jiġu ggwidati biex isibu kollokament f'impjieg. |
| Edukazzjoni | Forniment ta’ taħriġ lingwistiku għall-migranti minbarra l-attendenza skolastika regolari tagħhom: il-proġett indirizza l-għadd dejjem akbar ta’ migranti li jidħlu fi skejjel pubbliċi u li spiss ma jkunux jafu l-lingwa nazzjonali. |
| Taħriġ vokazzjonali | Taħriġ vokazzjonali li jiġi pprovdut lil persuni b’kuntest ta’ migrazzjoni: il-proġett kellu l-għan li jtejjeb il-profiċjenza lingwistika tal-parteċipanti, inkluż il-vokabularju tekniku professjonali, u jgħaqqadhom ma’ aspetti ta’ taħriġ vokazzjonali ulterjuri. |
| Akkomodazzjoni | L-aċċess għall-akkomodazzjoni jiġi ffaċilitat għall-benefiċjarji ta’ protezzjoni internazzjonali bħala parti minn proġett usa’ li jkun jipprovdi bosta servizzi għal dan il-grupp fil-mira. |
| Saħħa | Żvilupp ta’ manwal biex jiffaċilita l-komunikazzjoni bejn pazjenti li ma jkunux jafu l-lingwa tal-Istat Membru ospitanti u ħaddiema fil-qasam tas-saħħa. |
| Inklużjoni soċjali | Sessjonijiet ta’ ħidma biex titħeġġeġ il-kooperazzjoni diretta bejn is-soċjetà u persuni li jingħataw l-asil: dan kien jinkludi l-organizzazzjoni ta’ avvenimenti, l-iżvilupp ta’ ħiliet soċjali u attivitajiet ta’ ħin liberu. |

*Sors:* L-istħarriġ tal-QEA.

9. Id-distakk bejn l-eżiti tal-migranti u ċ-ċittadini tal-UE fl-oqsma ta’ impjieg, edukazzjoni, inklużjoni soċjali u ċittadinanza attiva turi b’mod ċar li hemm il-ħtieġa ta’ politiki effettivi ta’ integrazzjoni (ara l-***Figura 6***).

**Figura 6 - Evoluzzjoni tal-indikaturi magħżula (%)**









*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Eurostat, is-sitwazzjoni f'Marzu 2018.

### *Objettiv u approċċ ta' dan id-dokument informattiv u analitiku*

10. Dan id-dokument informattiv u analitiku mhuwiex rapport tal-awditjar, iżda jiddeskrivi l-azzjonijiet tal-UE favur l-integrazzjoni tal-migranti. Fl-ewwel parti, aħna nippreżentaw l-azzjonijiet li ttieħdu mill-istituzzjonijiet tal-UE fil-qasam tal-integrazzjoni matul dawn l-aħħar għoxrin sena, b'fokus partikolari fuq l-inizjattivi meħuda b'rispons għaż-żieda fil-flussi migratorji lejn l-UE li seħħew fis-snin reċenti. Fit-tieni parti, aħna nipprovdu stampa ġenerali tal-politiki ta' integrazzjoni li ġew implimentati fl-Istati Membri u nesploraw ir-rwol tal-inizjattivi tal-UE fit-tfassil ta' dawk il-politiki.

11. Fid-dokument kollu, aħna naċċennaw l-isfidi ewlenin ta' livell għoli li l-UE trid tiffaċċja b'mod kollettiv biex tikseb integrazzjoni effettiva tal-migranti (ara l-***paragrafu 2***). Aħna ma nindirizzawx il-migrazzjoni illegali, il-kontroll fil-fruntieri jew l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-asil. Aħna niffukaw fuq il-fondi li l-Kummissjoni timmaniġġja flimkien mal-Istati Membri, billi dawn huma l-akbar ammonti ta' finanzjament mill-UE li huma ddedikati għall-miżuri ta' integrazzjoni tal-migranti.

12. Il-fatti li jiġu ppreżentati f'dan id-dokument informattiv u analitiku jidderivaw minn:

- Intervisti ma' persunal mill-Kummissjoni, minn żewġ aġenziji tal-UE (l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali u l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil), u minn organizzazzjonijiet oħra (l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni, il-Grupp tal-Politika dwar il-Migrazzjoni, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati u s-Salib l-Aħmar).
- Stħarriġ li sar lill-Istati Membri (kif ukoll fin-Norveġja) u li twettaq bl-appoġġ tan-Netwerk Ewropew għall-Integrazzjoni (EIN)[5]. Aħna rċevejna 32 risposta[6]. L-***__Anness III__*** jippreżenta l-mistoqsijiet u r-risposti li rċevejna.
- Analiżi ta' 44 rapport[7] minn fost dawk li ġew ipprovduti mill-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (SAIs) ta' 22 Stat Membru, li jirrigwardaw ix-xogħol li kienu wettqu mill-2011 dwar l-integrazzjoni f'pajjiżhom. Is-6 Stati Membri l-oħra ma wettqux xogħol fil-qasam matul dan il-perjodu ta' żmien.
- L-awditi preċedenti li wettaqna dwar l-"approċċ hotspot"[8], il-Fond Ewropew għar-Refuġjati u l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi [9] u dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF)[10].
- Analiżi tal-aspetti relatati mal-prestazzjoni ppreżentati mit-28 Stat Membru fir-Rapporti ta' Implimentazzjoni 2016 tal-AMIF u fl-evalwazzjonijiet *interim* tal-AMIF kif ukoll fir-Rapporti Annwali ta' Implimentazzjoni 2016 tal-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD).
- Analiżi ta' lista estensiva ta' pubblikazzjonijiet dwar is-suġġett, inklużi d-dokumenti u l-pubblikazzjonijiet tal-UE min-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni (EMN)[11].

13. Il-Kummissjoni ngħatat l-opportunità li tikkummenta dwar dan id-dokument meta kien għadu abbozz.

## __L-UE TIPPROVDI INĊENTIV U APPOĠĠ GĦALL-INTEGRAZZJONI TAL-MIGRANTI__

14. F'din il-parti tad-dokument informattiv u analitiku, aħna neżaminaw l-għodod u l-inizjattivi prinipali li ġew żviluppati mill-Kummissjoni matul is-snin. Aħna nanalizzaw ukoll il-mod kif il-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u dik kontra d-diskriminazzjoni jistgħu

jinfluwenzaw il-politiki ta' integrazzjoni, jesploraw ir-rwol tal-fondi tal-UE u jiddeskrivu l-azzjonijiet li l-UE ħadet reċentement biex tistimula l-integrazzjoni tal-migranti.

***Kważi għoxrin sena ta' appoġġ mill-UE għall-Istati Membri***

15. It-Trattat ta' Lisbona tal-2009 ("it-Trattat") stabbilixxa qafas ġdid ta' politika tal-UE għall-integrazzjoni tal-migranti, u pprovda għall-ewwel darba, bażi legali espliċita għall-inizjattivi ta' inċentivi u appoġġ mill-UE f'dan il-qasam[12]. Madankollu, **l-Istati Membri jibqgħu primarjament responsabbli għall-politiki ta' integrazzjoni**. Il-bidla li saret fit-Trattat segwiet il-kooperazzjoni preċedenti tal-UE fil-qasam tal-integrazzjoni u l-inizjattivi li l-UE kienet ilha tiżviluppa mill-1999, permezz tat-Trattat ta' Amsterdam[13] u l-Programm ta' Tampere[14]. Minn dak iż-żmien 'il hawn, għadd ta' komunikazzjonijiet u inizjattivi mhux vinkolanti fil-qasam tal-integrazzjoni ġew adottati mill-Kunsill, mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni.

16. Il-qafas attwali tal-UE dwar l-integrazzjoni tal-migranti huwa bbażat fuq tliet dokumenti prinċipali:

- Il-**"Prinċipji Bażiċi Komuni għall-Politika ta' Integrazzjoni"** (il-***paragrafu 7***), li ġew żviluppati mill-Kunsill fl-2004, reġgħu tfakkru mill-Parlament Ewropew fl-2013[15] u ġew affermati mill-ġdid mill-Kunsill fl-2014[16], huma l-pedament għall-kooperazzjoni politika tal-UE fil-qasam tal-integrazzjoni tal-migranti u jinkludu 11-il prinċpju mhux vinkolanti li bi tqabbil magħhom l-Istati Membri jistgħu jivvalutaw l-isforzi proprji tagħhom (ara l-***Figura 5***).
- L- **"Aġenda Ewropea għall-integrazzjoni ta' persuni bin-nazzjonalità ta' pajjiżi terzi"**[17] adottata mill-Kummissjoni fl-2011 taċċenna l-isfidi f'dak li jirrigwarda l-integrazzjoni tal-migranti u tissuġġerixxi oqsma fejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jieħdu azzjoni biex jistimulaw il-politiki ta' integrazzjoni.
- Il-**"Pjan ta' Azzjoni dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi"** adottat mill-Kummissjoni f'Ġunju 2016 jipprovdi qafas komprensiv biex jingħata appoġġ għall-isforzi tal-Istati Membri fl-iżvilupp u t-tisħiħ tal-politiki ta' integrazzjoni tagħhom[18].

17. Barra minn hekk, l-UE għamlet sforzi biex tippromwovi l-iskambju ta' informazzjoni u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki billi ħolqot netwerks Ewropej bħall-EIN, billi kkultivat il-kooperazzjoni fil-livell tal-UE u billi standardizzat il-mod ta' kif l-informazzjoni dwar is-suġġett

tkun disponibbli (eż. permezz ta' manwali dwar l-integrazzjoni[19], sit web Ewropew dwar l-integrazzjoni[20], u sett komuni ta' indikaturi: l-"indikaturi ta' Zaragoza" – ara l-***paragrafu 43***). L-***Anness IV*** jipprovdi l-kronoloġija tal-inizjattivi u tal-għodod li ġew żviluppati. Dawn l-għodod jgħinu lill-Istati Membri jivvalutaw, jiżviluppaw, jimmonitorjaw u jevalwaw l-oqfsa nazzjonali tagħhom fil-qasam tal-integrazzjoni.

***Il-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni għandha impatt fuq il-politiki nazzjonali ta' integrazzjoni***

18. Fid-dawl tal-politika komuni tal-UE dwar il-migrazzjoni, kif stabbilita fit-Trattat (il-*paragrafu 15*), **l-UE tiżviluppa regoli komuni dwar il-migrazzjoni u dwar il-viża għall-migranti** (ara l-***Anness V*** għal-leġiżlazzjoni inkwistjoni). F'Marzu 2018, żewġ settijiet ta' direttivi tal-UE ddistingwew bejn migranti li jużaw mezzi rikonoxxuti u awtorizzati biex imorru minn pajjiż għal ieħor (migrazzjoni legali); u migranti li japplikaw għal protezzjoni jew fil-fruntieri tal-UE (asil) jew inkella minn pajjiżi barra mit-territorju tal-UE (risistemazzjoni). Ir-riżultat huwa li hemm mezzi differenti li permezz tagħhom il-migranti jistgħu jiġu joqogħdu fl-UE (ara l-***Figura 7***).

**Figura 7 - Il-migranti jistgħu jużaw mezzi differenti ta' migrazzjoni biex jirrisjedu fl-UE**




*Sors*: Il-QEA.

19. Id-direttivi dwar il-migrazzjoni jistabbilixxu **kundizzjonijiet minimi għad-dħul u r-residenza għall-migranti** fl-UE, li wħud minnhom **huma essenzjali għas-suċċess tal-integrazzjoni tagħhom**, bħall-intitolament għar-riunifikazzjoni tal-familja u l-aċċess għas-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali. Skont il-mezz ta' migrazzjoni li jużaw u l-iskop tar-residenza tagħhom (eż. refuġjat, ħaddiem bi kwalifiki għoljin, membru tal-familja, student, eċċ.), il-migranti jiġu rregolati minn settijiet differenti ta' kundizzjonijiet. Ara l-***Anness VI*** għall-kundizzjonijiet applikabbli f'Marzu 2018 għall-25 Stat Membru li japplikaw ir-regoli tal-UE[21]. F'Marzu 2018, il-leġiżlazzjoni kienet qed tiġi riveduta (ara l-***Anness V***). F'dak li jirrigwarda speċifikament il-kwistjonijiet relatati mal-integrazzjoni, il-bidla prinċipali proposta mill-Kummissjoni tikkonċerna t-tnaqqis, minn disa' għal sitt xhur, fil-perjodu massimu ta' stennija qabel ma l-persuni li jkunu qed ifittxu l-asil jista' jkollhom aċċess għall-impjieg.

20. L-Istati Membri huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE dwar il-migrazzjoni u dawn huma meħtieġa jittrasponu d-direttivi tal-UE fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Din it-traspożizzjoni tiġi mmonitorjata mill-Kummissjoni. Peress li l-Istati Membri għandhom ċertu ammont ta' diskrezzjoni fil-mod ta' kif jagħmlu dan, ir-**regoli applikati għall-migranti mhumiex identiċi fl-Istati Membri kollha tal-UE**. Diversi pubblikazzjonijiet[22] jipprovdu eżempji ta' dawn id-differenzi.

21. Din id-diverġenza fir-regoli nazzjonali applikati għall-migranti hija wieħed mill-fatturi li jistgħu jimmotivaw lill-migranti, inklużi r-refuġjati u l-persuni li jkunu qed ifittxu l-asil, biex imorru mill-ewwel pajjiż li jaslu fih għal pajjiż ieħor[23]. Fl-2016, 30 % tal-applikanti għall-asil kienu preċedentement ippreżentaw applikazzjoni fi Stat Membru ieħor[24]. Dan jikkawża dewmien biex jinbeda l-proċess ta' integrazzjoni u jista' jwassal għal integrazzjoni inqas effettiva ta' dawk il-migranti billi **aktar ma l-integrazzjoni tibda minn kmieni, aktar ma jkun probabbli li tirnexxi**[25]. Fattur ieħor għad-dewmien huwa l-perjodu ta' stennija sakemm l-applikazzjonijiet jiġu pproċessati. Seba' rapporti mis-SAIs (li jirrigwardaw ħames Stati Membri) iddeskrivewh bħala "twil". Fir-rapport tagħna dwar l-approċċ "hotspot" tal-Kummissjoni[26], aħna kkonkludejna wkoll li l-proċeduri li segwew il-wasla u r-reġistrazzjoni tal-migranti (l-asil, ir-rilokazzjoni u r-ritorn), u li kienu qed jintużaw fiż-żmien meta sar l-awditu, spiss imxew bil-mod u kienu suġġetti għal bosta punti ta' konġestjoni.

**<u>Sfida Nru 1</u>: Tnaqqis ta' dewmien biex jinbeda l-proċess ta' integrazzjoni**
Aktar ma l-integrazzjoni tibda minn kmieni, aktar ma jkun probabbli li tirnexxi. Fatturi li jikkawżaw dewmien biex jinbeda l-proċess ta' integrazzjoni (bħal meta l-migranti jmorru fi Stat Membru ieħor tal-UE minħabba, pereżempju, diverġenzi fir-regoli nazzjonali rigward il-kundizzjonijiet għad-dħul u r-residenza, jew perjodi twal ta' stennija għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet) jistgħu jaffettwaw l-integrazzjoni effettiva tal-migranti, fis-soċjetà.

***Id-drittijiet indaqs u n-nondiskriminazzjoni huma kritiċi għall-integrazzjoni tal-migranti***

*Cheng ilu jistudja fl-UE għal dawn l-aħħar erba' snin u fl-aħħar kiseb il-lawrja. Issa għandu tfajla u jixtieq jissettilja. Huwa diġà jaf jitkellem il-lingwa relattivament tajjeb iżda ma jistax isib impjieg; jew ma jiġix imsejjaħ għal intervisti jew inkella jiġi msejjaħ għal impjiegi li jkun kwalifikat iżżejjed għalihom. Cheng qed jibda jħossu vittma ta' diskriminazzjoni.*

22. Id-drittijiet indaqs u n-nondiskriminazzjoni huma fatturi importanti għas-suċċess tal-integrazzjoni tal-migranti[27]. Fl-istħarriġ li wettaqna, erba' Stati Membri ddikjaraw li l-

attitudni tal-popolazzjoni ospitanti lejn il-migranti għandha impatt negattiv fuq l-integrazzjoni tagħhom. Il-leġiżlazzjoni tal-UE tipprovdi qafas għan-nondiskriminazzjoni fit-Trattat[28], fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u fil-leġiżlazzjoni sekondarja[29]. Il-liġi tal-UE dwar il-migrazzjoni tistabbilixxi wkoll dispożizzjonijiet għat-trattament indaqs tal-migranti, iżda dawn jiġu applikati b'mod differenti fl-Istati Membri[30]. Fil-livell nazzjonali, il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri **qed jagħmlu sforzi biex jiżguraw li l-migranti mhumiex qed ikunu vittmi ta' diskriminazzjoni**: sitt Stati Membri reċentement adottaw leġiżlazzjoni u erbgħa oħra adottaw pjan ta' azzjoni u/jew strateġija nazzjonali. Barra minn hekk, disa' Stati Membri bdew kampanji u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni biex jindirizzaw id-diskriminazzjoni[31]. L-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali tipprovdi assistenza dwar id-drittijiet fundamentali lill-Istati Membri, pereżempju, fil-ġlieda kontra l-mibegħda lejn il-migranti.

23. L-Ewrobarometru 2015 dwar id-diskriminazzjoni fl-UE[32] wera li d-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' oriġini etnika titqies bħala l-forma l-aktar mifruxa ta' diskriminazzjoni fl-UE, u l-Ewrobarometru Standard tar-rebbiegħa 2017[33] iżid jgħid li **l-immigrazzjoni ta' persuni li jkunu ġejjin minn barra t-territorju tal-UE tqajjem sentimenti negattivi fil-maġġoranza tal-Ewropej** (54 %). Skont il-Kummissjoni, hemm sfida "li jiżdied l-għarfien tal-protezzjoni [dwar id-drittijiet indaqs] li diġà teżisti u li tiġi żgurata l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni fil-prattika aħjar tad-Direttivi [dwar l-ugwaljanza]"[34]. Il-Parlament Ewropew fakkar l-importanza tal-mezzi tal-komunikazzjoni tal-massa fit-tiswir tal-opinjoni pubblika dwar l-immigrazzjoni u dwar l-integrazzjoni tal-migranti[35].

**<u>Sfida Nru 2</u>: Garanzija ta' drittijiet indaqs u ta' nondiskriminazzjoni**
Id-drittijiet indaqs u n-nondiskriminazzjoni huma fatturi importanti għas-suċċess tal-integrazzjoni tal-migranti. Politiki ineffettivi kontra d-diskriminazzjoni tal-migranti jistgħu jxekklu s-suċċess tal-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà.

***Il-fondi tal-UE jintużaw għall-integrazzjoni tal-migranti***

24. **In-nefqa reali fuq l-integrazzjoni mhix magħrufa** minħabba li huwa l-AMIF biss li jżomm rekord tad-*data* dwar dan. Fil-baġit tal-UE, **l-azzjonijiet maħsuba biex jippromwovu l-integrazzjoni tal-migranti jistgħu jiġu ffinanzjati permezz ta' bosta fondi differenti tal-UE**. Il-***<u>Figura 8</u>*** telenka s-sorsi ta' finanzjament l-aktar rilevanti għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 li jappoġġaw l-integrazzjoni tal-migranti, flimkien ma' objettivi

oħra. It-total ta’ dawn il-fondi huwa ta’ EUR 128 biljun, iżda din hija biss ċifra teoretika, li kieku l-fondi kollha kellhom jintużaw esklussivament għall-integrazzjoni tal-migranti.

**Figura 8 - Stampa ġenerali tal-fondi l-aktar rilevanti tal-UE li jappoġġaw l-integrazzjoni tal-migranti**

| Fond tal-UE | Fondi disponibbli[1] (miljun EUR) | Għadd ta’ Stati Membri li jużaw il-fond[4] | Migranti fil-mira | Miżuri ta’ integrazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| **AMIF**<br>Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni<br>Jikkontribwixxi għall-ġestjoni effiċjenti tal-flussi tal-migrazzjoni | 884[2] | 27 | Dawk kollha li jirrisjedu legalment | Konsulenza, edukazzjoni u taħriġ |
| **FSE/YEI**<br>Fond Soċjali Ewropew/ Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ<br>Jippromwovi l-impjieg, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali | 85 455[3] | 20 | Dawk li jistgħu jipparteċipaw legalment fis-suq tax-xogħol jew dawk li huma minorenni[5] | Edukazzjoni u taħriġ u azzjonijiet biex jiffaċilitaw l-aċċess għas-suq tax-xogħol |
| **FEŻR**<br>Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali<br>Jirrinforza l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 21 906[3] | 4 | Dawk li mhumiex direttament fil-mira | Infrastrutturi tal-edukazzjoni, soċjali, tas-saħħa u tal-akkomodazzjoni |
| **FAEŻR**<br>Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali<br>Jippromwovi l-iżvilupp rurali sostenibbli | 15 218[3] | 3 | Dawk li mhumiex direttament fil-mira | Assistenza fl-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u l-impjieg |
| **FEMS**<br>Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd<br>Jippromwovi l-iżvilupp bilanċjat tal-oqsma tas-sajd u l-akkwakultura | 581[3] | 0 | Dawk li mhumiex direttament fil-mira | Taħriġ professjonali u appoġġ għall-bidu ta’ negozju |
| **FEAD**<br>Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn<br>Itaffi l-faqar | 3 814 | 4 | Kif iddefinit mill-Istati Membri | Ikel, assistenza bażika u attivitajiet ta’ inklużjoni soċjali barra l-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol |

1 F’Marzu 2018. L-ammonti jinkludu ż-żieda reċenti tal-fondi fl-AMIF (ara l-***paragrafu 32***). Aħna assumejna li l-azzjonijiet relatati mal-migranti huma limitati għal objettivi tematiċi speċifiċi (FSIE) jew għal objettivi speċifiċi (AMIF).

2 L-Objettiv Speċifiku Nru 2 (Integrazzjoni/ Migrazzjoni legali). L-Objettivi Speċifiku Nru 1 (Asil) jista’ jkollu wkoll azzjonijiet relatati mal-integrazzjoni, iżda l-ammont mhuwiex magħruf u ma ġiex inkluż.

3 Total tal-allokazzjonijiet disponibbli taħt l-FSIE għall-gruppi kollha fil-mira tal-Objettivi Tematiċi Nru 8 (Promozzjoni tal-impjieg sostenibbli u ta’ kwalità u l-appoġġ għall-mobbiltà tax-xogħol), Nru 9 (Promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, il-ġlieda kontra l-faqar u kull diskriminazzjoni) u Nru 10 (Investiment fl-edukazzjoni, it-taħriġ, u t-taħriġ vokazzjonali għal ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja).

4 L-użu tal-fond għall-miżuri ta’ integrazzjoni tal-migranti kif iddikjarat mill-Istati Membri fl-istħarriġ tagħna.

5 F'dak li jirrigwarda l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, l-Istati Membri jistgħu wkoll jagħtu aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali qabel ma jingħata aċċess għas-suq tax-xogħol.

*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq l-ammonti adottati fil-programmi tal-UE, kif kien jidher fuq is-sit web tal-Kummissjoni https://cohesiondata.ec.europa.eu f’Jannar 2018; l-istħarriġ tagħna u n-noti tal-Kummissjoni dwar is-sinerġiji (ara n-***Nota tat-Tmiem Nru 72***).

25. Fondi oħra tal-UE (bħal Orizzont 2020, Erasmus +, COSME, L-Ewropa għaċ-Ċittadini u l-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali), li jiġu implimentati b'mod dirett mill-Kummissjoni jew minn korpi delegati, jistgħu jintużaw ukoll biex jiffinanzjaw azzjonijiet immirati lejn l-integrazzjoni tal-migranti. Il-Kummissjoni qiegħda wkoll timmaniġġja b'mod dirett parti mill-AMIF. Dan id-dokument informattiv u analitiku ma jkoprix dawn il-fondi.

26. **Kull wieħed mill-fondi għandu objettivi differenti rigward l-integrazzjoni tal-migranti**. Pereżempju, filwaqt li l-FSE jimmira konsistentement lejn l-integrazzjoni tal-migranti fis-suq tax-xogħol u jindirizza l-esklużjoni soċjali billi jipprovdi appoġġ għall-impjieg, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali, l-AMIF jindirizza l-integrazzjoni b'mod aktar ġenerali, u jiffoka b'mod partikolari fuq l-ewwel stadji ta' wara l-wasla tal-migrant fl-UE. Il-FEAD u l-FAEŻR huma maħsuba speċifikament biex itaffu l-faqar u jippromwovu l-inklużjoni soċjali, billi tal-aħħar jiffoka fuq iż-żoni rurali filwaqt li tal-ewwel huwa mmirat aktar lejn l-għoti ta' appoġġ immedjat fil-forma ta' assistenza alimentari u assistenza materjali bażika oħra. Il-FEŻR jikkomplementa l-FSE permezz ta' miżuri ta' assistenza għall-infrastrutturi soċjali, tas-saħħa, l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni u l-indukrar tat-tfal, fuq terminu medju u fit-tul.

27. Fil-prattika, ibbażat fuq ir-riżultati tal-istħarriġ li wettaqna, il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri qed jużaw l-AMIF u l-FSE biex jiffinanzjaw l-appoġġ għall-integrazzjoni tal-migranti, iżda ftit ħafna qed jagħmlu użu mill-fondi l-oħra elenkati fil-***Figura 8***. L-istħarriġ tagħna wera wkoll li l-Istati Membri kollha minbarra sitta jużaw fondi nazzjonali biex jintegraw il-migranti.

***Mill-2015 'il hawn, l-UE żiedet l-azzjoni tagħha biex tistimula l-integrazzjoni tal-migranti***

28. Iż-żieda reċenti fl-għadd ta' persuni li jkunu qed fittxu l-asil u li jidħlu fl-UE (il-***paragrafu 3***) wassalha biex tieħu għadd ta' miżuri maħsuba biex jingħata appoġġ lill-Istati Membri fix-xogħol tagħhom tal-integrazzjoni tal-migranti. Il-ġestjoni tal-migrazzjoni saret waħda mill-10 prijoritajiet politiċi prinċipali tal-Kummissjoni[36], u l-ħtieġa għal politiki effettivi ta' integrazzjoni tal-migranti ġiet enfasizzata fl-"Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni" tal-2015[37]. L-UE rreaġiet billi ttrattat l-ispejjeż relatati mar-refuġjati b'mod flessibbli, żiedet il-fokus tas-Semestru Ewropew fuq kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni, immobilizzat finanzjament addizzjonali u billi adottat Pjan ta' Azzjoni għall-integrazzjoni tal-migranti.

<u>Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jipprovdi flessibbiltà fit-trattament tal-ispejjeż relatati mar-refuġjati</u>

29. Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (il-"Patt")[38] għandu l-għan li jiżgura s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tal-Istati Membri[39]. Id-dispożizzjonijiet tal-Patt jippermettu xi ftit flessibbiltà fit-trattament tal-pożizzjoni fiskali ta' Stat Membru[40]: dan japplika, pereżempju, fil-każ ta' avvenimenti mhux tas-soltu, li jkunu barra mill-kontroll tal-gvern u li jkollhom impatt sinifikanti fuq il-finanzi pubbliċi[41].

30. Mill-2015 'il hawn, il-**Kummissjoni ttrattat l-infiq addizzjonali li jsir minħabba ż-żieda fl-immigrazzjoni ta' persuni li jkunu qed ifittxu l-asil bħala avveniment mhux tas-soltu**; dan jista' jnaqqas l-aġġustamenti meħtieġa mill-Patt[42]. Ħames Stati Membri (il-Belġju, l-Italja, l-Ungerija, l-Awstrija u l-Finlandja) ibbenefikaw mill-klawsoli ta' flessibbiltà għall-2015 u ħamsa għall-2016 (il-Belġju, l-Italja, l-Awstrija, is-Slovenja u l-Finlandja)[43]. Fl-2016, pereżempju, din il-flessibbiltà għenet lil dawn l-Istati Membri jiffinanzjaw spejjeż ta' madwar EUR 2.6 biljun relatati mal-ospitar ta' refuġjati.

31. It-tema tal-migrazzjoni kienet ukoll suġġetta għal analiżi eknomika aktar dettaljata matul iċ-ċikli tas-Semestru Ewropew wara l-2014[44]. Ibbażat fuq l-analiżijiet li twettqu fl-2016 u l-2017, **il-Kunsill ħareġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi li kienu mmirati direttament lejn il-politiki relatati mal-migranti** għall-pajjiżi li ġejjin: l-Awstrija, il-Belġju u l-Finlandja fl-2016 u l-Awstrija, il-Belġju u Franza fl-2017. Ir-rakkomandazzjonijiet jirreferu prinċipalment għall-ħtieġa li jsir titjib fil-politiki fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali u s-suq tax-xogħol għal persuni li jkunu ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni.

<u>L-UE żiedet l-appoġġ tagħha lill-Istati Membri fl-użu tal-fondi li tipprovdi għall-integrazzjoni tal-migranti</u>

32. Mill-2015 sal-2021, b'rispons għaż-żieda fil-fluss ta' migranti lejn l-UE, il-**baġit tal-UE qed jimmobilizza finanzjament addizzjonali ta' aktar minn EUR 5 000 miljun għall-migrazzjoni**. Madwar EUR 3 200 miljun minn dan l-ammont ġew mill-istrument ta' flessibbiltà[45] tiegħu u aktar minn EUR 2 000 miljun ġew permezz tal-marġni ta' kontinġenza[46] tiegħu. Parti minn dan il-finanzjament addizzjonali ntużat ukoll biex jiżdied il-baġit totali għall-AMIF, li minnu aktar minn EUR 115-il miljun (jiġifieri aktar minn 15 %) żdiedu mal-allokazzjoni speċifika

għall-integrazzjoni u l-migrazzjoni legali. Il-programmi kollha taħt l-AMIF ġew immodifikati biex jirriflettu din iż-żieda fil-finanzjament.

33. Għat-tieni nofs tal-perjodu ta’ programmazzjoni (2018-2020), fil-kuntest tal-analiżi ta' nofs it-terminu tal-programmi taħt l-AMIF, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jerġgħu jivvalutaw il-ħtiġijiet tagħhom f’termini ta’ asil, migrazzjoni u integrazzjoni. **L-Istati Membri ddikjaraw li huma kienu jeħtieġu ammont addizzjonali ta’ madwar EUR 450 miljun biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta’ integrazzjoni tal-migranti** taħt l-ambitu tal-AMIF. Dan huwa bejn wieħed u ieħor nofs il-finanzjament mill-AMIF li huwa attwalment disponibbli għall-integrazzjoni (ara l-***Figura 8***). Skont il-Kummissjoni, il-ħtiġijiet ta’ finanzjament se jiġu vvalutati b’mod regolari fil-kuntest tal-proċeduri baġitarji annwali.

34. Biex jagħti appoġġ lill-Istati Membri fl-evalwazzjoni tal-ħtiġijiet il-ġodda tagħhom u biex jipprovdi assistenza dwar kif il-fondi tal-UE jistgħu jlaħħqu maż-żieda fil-flussi ta’ migranti lejn l-UE, il-persunal tal-Kummissjoni żar l-Istati Membri li jinsabu tul ir-rotta tal-Balkani tal-Punent u offra appoġġ lill-Istati Membri kollha għat-tfassil mill-ġdid tal-programmi tal-UE. Il-Kummissjoni fakkret ukoll lill-Istati Membri li l-FSIE setgħu jintużaw għall-integrazzjoni tal-migranti. L-Istati Membri kollha (ħlief id-Danimarka li ma tużax l-AMIF) immodifikaw il-programmi nazzjonali tagħhom taħt l-AMIF biex jirriflettu ż-żieda fil-finanzjament. Fir-rigward tal-FSIE, l-Istati Membri qiesu li l-programmi kienu diġà jipprovdu rispons adegwat għas-sitwazzjoni l-ġdida; sa Marzu 2018, saru modifiki għal żewġ programmi taħt il-FEŻR u programm wieħed taħt il-FAEŻR, biss. Fl-istħarriġ li wettaqna, 22 Stat Membru ddikjaraw li l-allokazzjoni tal-fondi għall-integrazzjoni tal-migranti nbidlet wara l-2015.

**Sfida Nru 3**: **Valutazzjoni soda u komprensiva ta’ ħtiġijiet u ta’ finanzjament**
Il-politiki ta’ integrazzjoni jirrikjedu valutazzjoni soda u komprensiva ta’ ħtiġijiet tal-migranti u tas-soċjetà ospitanti, u jiġu ffinanzjati minn riżorsi adegwati li jsiru disponibbli meta jkun meħtieġ. Mingħajr stima robusta tal-finanzjament meħtieġ fil-livell nazzjonali u tal-mod kif il-finanzjament mill-UE jista’ jikkomplementa l-interventi nazzjonali, hemm ir-riskju li l-politiki jistgħu ma jkunux effettivi.

Il-Kummissjoni adottat Pjan ta’ Azzjoni għall-integrazzjoni tal-migranti

35. Il-“Pjan ta' Azzjoni dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi” adottat mill-Kummissjoni fl-2016 (il-“Pjan ta’ Azzjoni” - ara l-***paragrafu 16***), isaħħaħ ir-rwol ta’

koordinazzjoni li l-Kummissjoni għandha f'dan il-qasam. Il-Pjan ta' Azzjoni jikkonċerna l-migranti kollha li jirrisjedu legalment fl-UE, minbarra l-migranti tat-tieni u t-tielet ġenerazzjoni. Din l-inizjattiva tieħu inkunsiderazzjoni l-għarfien akkumulat tal-Kummissjoni u hija maħsuba biex tinvolvi l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fil-proċess ta' integrazzjoni. Hija kienet tinkludi miżuri fl-oqsma li ġejjin:

- **Miżuri ta' qabel it-tluq u qabel il-wasla** bl-għan li jingħata appoġġ lill-migranti fil-bidu nett tal-proċess ta' migrazzjoni. Eżempji huma t-taħriġ lingwistiku u dak relatat mal-impjieg.
- **Edukazzjoni u taħriġ** bħala għodda kritika għas-suċċess tal-integrazzjoni. It-taħriġ lingwistiku jitqies li huwa kruċjali, bħalma huwa d-dritt għall-indukrar tat-tfal u għall-edukazzjoni ta' kwalità għat-tfal, kif ukoll iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni dwar il-liġijiet, il-kultura u l-valuri tas-soċjetà li tilqagħhom.
- **Impjieg u taħriġ vokazzjonali** biex jingħata appoġġ għall-integrazzjoni sħiħa u f'waqtha tal-migranti fis-suq tax-xogħol. Dan it-taħriġ jista' jgħin ukoll biex tiġi mmitigata l-ħtieġa għal ħiliet speċifiċi fl-UE u fis-soċjetajiet tagħha li qed jixjieħu. Eżempji jinkludu l-iffaċilitar tal-validazzjoni tal-ħiliet u r-rikonoxximent tal-kwalifiki.
- **Aċċess għas-servizzi bażiċi** bħall-akkomodazzjoni u l-kura tas-saħħa li jippermettu lill-migranti jibdew ħajja f'pajjiż ġdid u jkollhom opportunità raġonevoli għal impjieg. L-inizjattivi jinkludu l-provvediment ta' akkomodazzjoni soċjali affordabbli, il-ġlieda kontra l-isfidi relatati mad-diversità urbana bħas-segregazzjoni ġeografika, u l-immappjar tal-ħtiġijiet relatati mas-saħħa tal-migranti.
- **Parteċipazzjoni attiva tal-migranti** fis-soċjetà bħala mod ta' promozzjoni tal-**inklużjoni soċjali**. Dan jista' jinkiseb billi jiġu promossi skambji mal-komunitajiet riċeventi permezz ta' attivitajiet soċjali, kulturali u sportivi, billi l-migranti jiġu mħeġġa jieħdu rwol attiv fl-ambjent soċjali u politiku lokali, reġjonali u nazzjonali u billi tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni.
- **Għodod** għall-koordinazzjoni, il-finanzjament u l-monitoraġġ.

36. Il-Pjan ta' Azzjoni identifika 52 miżura li l-Kummissjoni kellha timplimenta fl-2016 u fl-2017 biex tagħti appoġġ lill-Istati Membri u organizzazzjonijiet oħra fl-isforzi tagħhom biex

jistimulaw l-integrazzjoni tal-migranti. Eżempju ta' miżura fil-Pjan ta' Azzjoni jinsab fil-***Kaxxa 2***. **Sa tmiem Diċembru 2017, 23 miżura kienu għadhom ma ġewx ikkompletati** mill-Kummissjoni[47]. Il-Kummissjoni se tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni lill-Parlament u lill-Kunsill matul l-2018.

37. Barra minn hekk, il-Pjan ta' Azzjoni, li ġie rikonoxxut mill-Kunsill[48], ħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiffukaw l-isforzi tagħhom fuq ċerti miżuri li jistgħu jittieħdu fil-livell nazzjonali. Skont il-Kummissjoni, billi dawn il-miżuri ġew ifformulati bħala suġġerimenti għall-Istati Membri u jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom, hija ma timmonitorjahomx.

| **Kaxxa 2 - Eżempju ta' miżura fil-"Pjan ta' Azzjoni"** |
|---|
| Taħt l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa, f'Novembru 2017, il-Kummissjoni niedet l-"Għodda tal-UE għall-Profil tal-Ħiliet" għall-migranti[49]. L-għan huwa li jiġu identifikati u rreġistrati l-ħiliet u l-kwalifiki tal-persuni li jfittxu l-asil, tar-refuġjati u ta' migranti oħra, kif ukoll li dawn jingħataw pariri konkreti dwar xi jrid isir wara (eż. riferiment għal taħriġ ulterjuri, rikonoxximent tad-diplomi, validazzjoni tal-ħiliet jew appoġġ għall-impjieg). L-għodda tista' tintuża minn organizzazzjonijiet nazzjonali u minn organizzazzjonijiet oħra li joffru servizzi lill-migranti. |

| <u>Sfida Nru 4</u>: **Impenn mill-Istati Membri biex jimplimentaw il-Pjan ta' Azzjoni** |
|---|
| L-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri relatati mal-Istati Membri fil-Pjan ta' Azzjoni tiddependi fuq l-impenn tagħhom. In-nuqqas ta' monitoraġġ ta' dawn il-miżuri mill-Kummissjoni jista' jillimita l-kapaċità tagħha li tipprovdi appoġġ addizzjonali lill-Istati Membri. |

<u>L-Istati Membri jirrikonoxxu r-rilevanza tar-rwol tal-Kummissjoni, iżda l-maġġoranza tagħhom huma tal-opinjoni li din ma għandhiex tiżdied</u>

38. Kważi dawk kollha li rrispondew għall-istħarriġ li wettaqna vvalutaw l-appoġġ ipprovdut mill-Kummissjoni għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika ta' integrazzjoni tagħhom bħala parzjalment rilevanti jew kompletament rilevanti. B'mod partikolari, l-Istati Membri apprezzaw id-disponibbiltà ta' finanzjament iddedikat (AMIF) favur il-migranti u l-possibbiltà li jsir skambju ta' prattiki tajbin permezz tal-EIN. Madankollu, 13-il membru tal-EIN irrappurtaw li huma jixtiequ aktar flessibbiltà fl-użu tal-fondi tal-UE u tnaqqis fil-piż amministrattiv meta jonfquhom. Il-maġġoranza tal-membri tal-EIN (20 mid-29 li rrispondew) iqisu li **l-kompetenzi attwali tal-Kummissjoni fil-qasam tal-integrazzjoni tal-migranti ma għandhomx jiżdiedu.**

## L-ISTATI MEMBRI HUMA PRIMARJAMENT RESPONSABBLI GĦALL-INTEGRAZZJONI TAL-MIGRANTI

39. Għalkemm l-UE għandha rwol importanti f'dan il-qasam, ir-responsabbiltà primarja għall-politiki ta' integrazzjoni taqa' fuq l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali tal-Istati Membri. F'dan il-kuntest, aħna analizzajna l-mod kif il-politiki ta' integrazzjoni fl-Istati Membri jsawru l-integrazzjoni tal-migranti, inklużi l-għodod użati għall-monitoraġġ tal-eżiti, u l-mod kif l-arranġamenti ta' koordinazzjoni fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali jiġu stabbiliti biex jiżguraw sinerġiji u komplementarjetà bejn il-fondi.

### *Il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri stabbilew politiki ta' integrazzjoni*

*Ali reċentement wasal fl-UE, wara li kien ħalla kollox warajh. Huwa ftit li xejn jaf jitkellem il-lingwa lokali u huwa urġenti li jsib mod kif isostni lilu nnifsu. Għalhekk, huwa aċċetta impjieg li ma kienx jilħaq l-aspettativi tiegħu. Huwa ried jattendi kors lingwistiku biex itejjeb il-ħiliet lingwistiċi tiegħu, iżda dawn kienu jiġu organizzati matul il-ġurnata u Ali ma setax jattendi minħabba l-iskeda tax-xogħol tiegħu. Ġie ppubbliċizzat kors filgħaxija, iżda l-organizzatur kien qed jistenna l-fondi u ma kienx ċert meta l-kors seta' jinbeda.*

40. Azzjonijiet immirati lejn il-migranti jiġu żviluppati taħt **oqfsa ta' politika differenti**. Xi wħud mill-Istati Membri għandhom politiki nazzjonali ta' integrazzjoni, xi wħud jiżviluppaw azzjonijiet fil-livell lokali jew dak reġjonali filwaqt li oħrajn jinkorporaw l-integrazzjoni tal-migranti f'politiki speċifikament maħsuba għall-migranti. Fi tmiem l-2017, 25 Stat Membru kellhom politika ta' integrazzjoni nazzjonali/reġjonali jew lokali stabbilita li kienet immirata lejn il-migranti[50]. Skont l-istħarriġ li wettaqna, 22 Stat Membru ilhom li rrevedew il-politiki ta' integrazzjoni tagħhom mill-2014. Għalkemm in-nuqqas ta' politika speċifika ma jfissirx li ma tkun ittieħdet l-ebda azzjoni relatata mal-integrazzjoni tal-migranti, dan jista' jwassal għal diffikultajiet fl-implimentazzjoni ta' approċċ komprensiv lejn dak il-grupp fil-mira.

41. L-istħarriġ li wettaqna juri li attwalment ir-refuġjati huma l-grupp ta' migranti li l-aktar ta' spiss ikun is-suġġett ta' azzjoni mill-gvern. Madankollu, **ħafna Stati Membri ma jiħdux azzjoni f'dak li jirrigwarda ċerti gruppi ta' migranti** (bħal migranti żgħażagħ[51] jew persuni mingħajr Stat - ara l-***Figura 9***), **jew f'ċerti oqsma ta' integrazzjoni** (ara l-***Figura 10***). Barra minn hekk, 14-il Stat Membru ddikjaraw li, mill-2014, huma vvalutaw mill-ġdid il-ħtiġijiet tal-

migranti, u 16-il Stat Membru ddikjaraw li huma kienu bidlu l-fokus tal-miżuri ta' integrazzjoni għal gruppi oħra fil-mira b'rispons għaż-żieda fil-flussi regolatorji lejn l-UE.

**Figura 9 - Bosta Stati Membri ma għandhomx politiki relatati ma' gruppi partikolari ta' migranti**




*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq l-istħarriġ.

**Figura 10 - L-Istati Membri ma jiżviluppawx miżuri ta' integrazzjoni fl-oqsma kollha**

| | **Edukazzjoni** | **Inklużjoni soċjali** | **Impjieg** | **Saħħa** | **Akkomodazzjoni** | **Taħriġ vokazzjonali** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Għadd ta' Stati Membri li għandhom miżuri (% tat-total) | 23 (82 %) | 22 (79 %) | 18 (64 %) | 18 (64 %) | 17 (61 %) | 14 (50 %) |

Nota: Erba' Stati Membri ma rrispondewx għal din il-mistoqsija.
*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq l-istħarriġ.

42. Ir-rapporti tas-SAIs li analizzajna aċċennaw bosta nuqqasijiet fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politiki ta' integrazzjoni tal-Istati Membri:

- **defiċjenzi fit-tfassil tal-politiki ta' integrazzjoni** (22 rapport relatati ma' 11-il Stat Membru). Ir-rapporti sabu problemi li jikkonċernaw l-eżistenza ta' diskrepanzi leġiżlattivi jew restrizzjonijiet legali li jipprevjenu l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet mingħajr xkiel (12-il rapport), dgħufijiet fl-ippjanar tal-miżuri differenti ta' integrazzjoni (7 rapporti) u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fil-proċess ta' integrazzjoni (3 rapporti), u;

- **dgħufijiet relatati mal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' integrazzjoni għall-migranti**. Il-miżuri tqiesu li kienu insuffiċjenti, inadegwati jew li ma ntużawx kemm setgħu (19-il rapport relatati ma' 12-il Stat Membru). Pereżempju, xi miżuri jillimitaw il-parteċipazzjoni ta' ċerti gruppi ta' migranti, oħrajn ma jindirizzawx kompletament il-ħtiġijiet tal-migranti filwaqt li oħrajn ma jiġux implimentati b'mod effiċjenti. Eżempji ta' miżuri ta' integrazzjoni li mhumiex adegwati jew suffiċjenti u li ġew irrappurtati mis-SAIs jingħataw fil-***Kaxxa 3***.

| **Kaxxa 3 - Eżempji ta' miżuri ta' integrazzjoni li mhumiex adegwati jew suffiċjenti u li ġew irrappurtati mis-SAIs** |
|---|
| Fi Stat Membru partikolari, is-SAI rrappurtat li l-aċċess għall-miżuri ta' integrazzjoni, għal persuni li kienu ilhom jibbenefikaw mill-protezzjoni għal inqas minn sena, kien ristrett għall-belt kapitali tal-pajjiż. Fi Stat Membru ieħor, l-appoġġ għal persuni li kienu qed jibbenefikaw mill-protezzjoni nstab li kien prinċipalment limitat għal pagamenti ta' flus. F'erba' Stati Membri, it-taħriġ lingwistiku ġie rrappurtat ukoll li ma kienx adegwat biex il-migranti jitgħallmu l-lingwa nazzjonali (eż. l-ammont ta' sigħat ta' taħriġ instabu li ma kinux suffiċjenti, il-migranti ma setgħux jipparteċipaw fit-taħriġ jew il-finanzjament disponibbli ma kienx suffiċjenti). |
| Ir-rapporti tas-SAIs aċċennaw ukoll li gruppi partikolari fil-mira ma kinux sistematikament koperti mill-miżuri ta' integrazzjoni. Pereżempju fi Stat Membru partikolari, 33 muniċipalità ma offrewx miżuri ta' appoġġ individwali lil persuni li kienu ngħataw il-protezzjoni sakemm dawn tqiesu li kienu residenti tal-muniċipalità. Fi Stat Membru ieħor, l-ebda miżura ta' integrazzjoni għal persuni li kienu qed jibbenefikaw mill-protezzjoni ma kienet ġiet prevista fl-ewwel ħames snin wara l-wasla tagħhom. |

<u>Sfida Nru 5</u>: **Appoġġ lill-migranti kollha fl-oqsma rilevanti kollha ta' politika**
Il-politiki ta' integrazzjoni fil-livell nazzjonali jirrikjedu qafas komprensiv biex il-migranti kollha jingħataw appoġġ fl-oqsma rilevanti kollha ta' politika. Il-politiki ta' integrazzjoni li ma jindirizzawx dawn l-oqsma għall-gruppi kollha ta' migranti jistgħu jwasslu għal integrazzjoni inqas effettiva.

***Attwalment, id-*****data** ***dwar l-integrazzjoni hija limitata***

43. Id-**disponibbiltà ta' *data* tajba hija kruċjali** għall-iżvilupp ta' politiki ta' integrazzjoni li jirrispondu għall-ħtiġijiet tal-migranti. <u>Fil-livell tal-UE</u>, fl-2010 l-Kunsill[52] qabel dwar sett ta' indikaturi komuni ewlenin għall-UE (l-"indikaturi ta' Zaragoza") biex titkejjel l-integrazzjoni tal-migranti fl-oqsma ta' impjieg, edukazzjoni, inklużjoni soċjali u ċittadinanza attiva. Dawn l-indikaturi jippermettu li jkun hemm fehim aħjar tal-integrazzjoni fl-UE. Madankollu, skont il-Kummissjoni, dawn l-indikaturi għandhom ċerti limitazzjonijiet[53]: id-*data* dwar il-

popolazzjoni tal-migranti mhux dejjem tkun armonizzata, l-indikaturi mhux dejjem huma affidabbli, u ma jistgħux jiġu identifikati l-gruppi differenti ta' migranti. Dan huwa prinċipalment minħabba l-fatt li l-indikaturi ta' Zaragoza jużaw informazzjoni minn stħarriġiet kampjunarji standardizzati li jsiru fil-livell tal-UE[54] iżda li ma jkoprux il-migranti kollha u li probabbilment ikollhom rata baxxa ta' rispons mill-migranti. Madwar nofs dawk li wieġbu għall-istħarriġ li wettaqna stqarru li huma ma jużawx l-indikaturi ta' Zaragoza biex jimmonitorjaw l-eżiti tal-politiki ta' integrazzjoni tagħhom. B'kollox, **30 % tal-wiġġieba ma jużaw l-ebda indikatur** biex jimmonitorjaw l-eżitu tal-politiki ta' integrazzjoni tagħhom.

44. Il-**Kummissjoni qed taħdem ukoll biex ittejjeb id-disponibbiltà tad-*data***. Fl-2016, il-Kummissjoni stabbiliet Ċentru ta' Għarfien dwar il-Migrazzjoni u d-Demografija li jaqa' taħt iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC), bl-għan li ssir ġestjoni aħjar tal-informazzjoni attwalment disponibbli u li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Kummissjoni li tirrispondi għall-isfidi li jirriżultaw mill-migrazzjoni. Il-Kummissjoni żviluppat ukoll żewġ indikaturi ġodda relatati mas-saħħa tal-migranti u saħħet il-kopertura ta' xi wħud mill-indikaturi tal-impjieg billi żiedet dimensjoni reġjonali u livell ta' urbanizzazzjoni. Fl-2018, il-Kummissjoni, flimkien mal-OECD, biħsiebha tippubblika rapport dwar l-indikaturi tal-integrazzjoni biex tqabbel is-sitwazzjoni fl-Istati Membri tal-UE u f'dawk li ma jiffurmawx parti mill-UE[55]. Fl-2021[56], il-Kummissjoni qed tippjana li tipprovdi informazzjoni ulterjuri dwar is-sitwazzjoni tax-xogħol tal-migranti u tad-dixxendenti immedjati tagħhom, simili għal dik li pprovdiet fl-2014[57]. L-Indiċi tal-Politika tal-Integrazzjoni ta' Migranti (MIPEX), li ġie żviluppat minn żewġ organizzazzjonijiet privati permezz ta' finanzjament mill-AMIF, jippermetti wkoll li jsir tqabbil bejn l-Istati Membri u pajjiżi oħra billi jipprovdi evalwazzjoni tal-politiki ta' integrazzjoni tagħhom[58].

45. <u>Fil-livell nazzjonali</u>, ir-rapporti tas-SAIs li analizzajna jaċċennaw il-fatt li l-**informazzjoni dwar il-miżuri ta' integrazzjoni hija insuffiċjenti**. Dan għaliex jew ma hemmx indikaturi għall-kejl tal-integrazzjoni, jew dawk li hemm mhumiex adegwati (6 rapporti f'4 Stati Membri); u minħabba li d-*data* li tinġabar hija inadegwata jew inkompleta (15 il-rapport fi 12-il Stat Membru). Barra minn hekk, fil-kuntest tal-inizjattiva tal-Aġenda Urbana[59], ġew irrappurtati dgħufijiet fl-issettjar ta' politiki ta' integrazzjoni bbażati fuq l-evidenza fil-bliet[60]. Skont l-istħarriġ li wettaqna, il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri jew jafu parzjalment (18) jew inkella ma jafux (4) l-għadd ta' migranti li qed jingħataw appoġġ mill-miżuri ta' integrazzjoni u l-

ammont korrispondenti li jkun qed jintnefaq. L-ebda wieħed mill-Istati Membri li rrispondew għall-istħarriġ tagħna ma seta' jipprovdi ripartizzjoni skont il-gruppi ta' migranti (eż. refuġjati, riunifikazzjoni tal-familja, eċċ.) għall-fondi kollha tal-UE u dawk nazzjonali.

46. F'termini ta' fondi tal-UE, il-qafas leġiżlattiv tal-UE għall-perjodu 2014-2020 għall-**AMIF, l-FSIE u l-FEAD ma jirrikjedix li l-Istati Membri jimmonitorjaw speċifikament l-eżiti** (jiġifieri r-riżultati u l-impatt ) tal-miżuri ta' integrazzjoni fuq il-migranti. Fil-prattika, dan ifisser ukoll li, bl-eċċezzjoni tal-AMIF, il-Kummissjoni ma għandhiex stampa ġenerali komprensiva tal-miżuri li l-Istati Membri qed jimplimentaw biex jagħtu appoġġ lill-migranti. L-arranġamenti ta' monitoraġġ li ġejjin japplikaw għal kull fond:

- L-AMIF jirrikjedi speċifikament li l-Istati Membri jiġbru informazzjoni annwali dwar l-għadd ta' migranti li jkunu qed jingħataw appoġġ, iżda mhux dwar kemm tkun inkisbet integrazzjoni (eż. jekk il-migranti tgħallmux il-lingwa, jekk sabux impjieg, eċċ.). L-eżiti tal-miżuri appoġġati mill-AMIF se jiġu evalwati permezz ta' rapporti ta' evalwazzjoni *ex post* li se jitwettqu sa tmiem l-2023[61]. Fi tmiem l-2017, l-infiq kien baxx (medja ta' 16 %, u 2 Stati Membri ma nefqu assolutament xejn). Madankollu, fi tmiem l-2017[62], madwar 30 % tal-miri tal-AMIF għall-integrazzjoni, f'termini tal-għadd ta' migranti li ngħataw appoġġ, kienu ntlaħqu[63], u 4 Stati Membri diġà kienu qabżu l-miri tagħhom għall-2020.
- L-FSE/YEI jinkludi migranti fi ħdan il-grupp fil-mira "migranti, parteċipanti bi sfond barrani, minoranzi" (għar-rappurtar dwar l-outputs) u fi ħdan il-grupp "parteċipanti żvantaġġati" (għar-rappurtar dwar ir-riżultati). Għalhekk, l-indikaturi disponibbli ma jistgħux jipprovdu informazzjoni dwar l-eżiti ta' miżuri speċifikament għall-migranti. Barra dan, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jiġbrux *data* fuq bażi sistematika, għal raġunijiet ta' protezzjoni ta' *data* personali[64].
- Il-FEŻR u l-FEMS attwalment ma għandhomx indikaturi speċifiċi relatati mal-migranti. Fir-rigward tal-FEŻR, fl-2016 il-Kummissjoni pproponiet li żżid prijorità ta' investiment speċifika ġdida għall-migranti u r-refuġjati, kif ukoll indikaturi ddedikati ġodda[65], li xi wħud minnhom ikejlu speċifikament l-għadd ta' migranti li jingħataw appoġġ. Dawn l-inizjattivi huma mistennija li jiffaċilitaw l-iżvilupp tat-tfassil ta' politiki bbażat fuq l-evidenza.

- <u>Fir-rigward tal-FAEŻR, mill-2016 'il hawn</u> l-Istati Membri ntalbu jidentifikaw u jirrappurtaw dwar il-każijiet fejn attività tista' potenzjalment tikkontribwixxi għall-integrazzjoni tal-migranti[66].
- <u>Il-FEAD</u> jista' wkoll jinkludi migranti (skont kif l-Istat Membru jiddefinixxi l-grupp fil-mira). Hawnhekk, id-*data* tiġi ddeterminata fuq il-bażi ta' "stimi informati tal-organizzazzjonijiet imsieħba minflok fuq l-informazzjoni pprovduta mir-riċevituri aħħarija"[67].

47. Fir-Rapport Annwali 2016[68] tagħna, aħna rrappurtajna **dgħufijiet fis-sistemi ta' monitoraġġ** ta' żewġ Stati Membri li eżaminajna fir-rigward tal-AMIF. **Il-monitoraġġ huwa wkoll il-qasam fejn is-SAIs isibu l-aktar problemi**. Dawn jinkludu dgħufijiet fl-oqsma li ġejjin:

- dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ (8 rapporti relatati ma' 8 Stati Membri);
- sistemi tal-IT (3 rapporti għal 3 Stati Membri);
- żjarat ta' monitoraġġ (4 rapporti għal 3 Stati Membri);
- evalwazzjoni tal-miżuri (8 rapporti għal 6 Stati Membri);
- rappurtar tar-riżultati (4 rapporti għal 4 Stati Membri);
- rappurtar inġenerali (10 rapporti għal 6 Stati Membri).

**<u>Sfida Nru 6</u>: Monitoraġġ effettiv tal-eżiti ta' integrazzjoni biex jitkejjel il-progress u, jekk ikun meħtieġ, jiġu adattati l-politiki**
Il-monitoraġġ tal-eżiti ta' integrazzjoni jippermetti lill-partijiet ikkonċernati jkejlu l-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-politiki ta' integrazzjoni, jidentifikaw il-limitazzjonijiet u, jekk ikun meħtieġ, jadattaw il-politiki. In-nuqqas ta' *data* tajba jew monitoraġġ mhux xieraq jistgħu jipprevjenu l-orjentament mill-ġdid tal-miżuri u/jew it-tfassil mill-ġdid tal-politiki biex dawn ikunu jistgħu jindirizzaw il-ħtiġijiet reali tal-migranti.

***Is-sinerġiji u l-komplementarjetà jiddependu fuq l-effettività tal-koordinazzjoni fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali***

*Il-volontarjat taha ħafna sodisfazzjon, iżda Leila xtaqet tagħmel aktar. Hija riedet toħloq l-NGO proprja tagħha biex tgħin lil aktar migranti. Kienet qrat f'diversi pubblikazzjonijiet li*

*kienu bosta fondi disponibbli għal dan u għalhekk ħasbet li jkun faċli tiffinanzja l-ideat tagħha. Hija malajr irrealizzat li dan ma kienx il-każ.*

Il-fondi tal-UE mhux dejjem huma reċiprokament esklussivi

48. L-istess tip ta' azzjoni għall-istess grupp fil-mira jista' jiġi ffinanzjat taħt fondi differenti tal-UE (ara l-***Anness VII***). Biex jiżguraw il-koordinazzjoni u l-komplementarjetà bejn il-fondi tal-UE, ir-Regolament dwar l-AMIF[69] u l-**qafas regolatorju tal-FSIE[70] jirrikjedu li l-Istati Membri jiddeskrivu fid-dettall**, fid-dokumenti ta' programmazzjoni tagħhom, li **mekkaniżmi li permezz tagħhom huma biħsiebhom jikkoordinaw** l-istrumenti differenti tal-UE u dawk nazzjonali. Fir-rigward tal-FEAD, mhu meħtieġ l-ebda mekkaniżmu speċifiku ta' koordinazzjoni. Ir-rapporti tas-SAIs fi tliet Stati Membri identifikaw ir-riskju ta' duplikazzjonijiet u, f'każ wieħed, is-SAI rrappurtat l-eżistenza ta' finanzjament doppju.

49. Minbarra l-arranġamenti leġiżlattivi, **il-Kummissjoni għandha stabbilita wkoll struttura ta' governanza interna għall-koordinazzjoni**. Qabel ma jiġu adottati, il-persunal tal-Kummissjoni janalizza l-programmi kollha tal-UE permezz ta' proċess ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi. B'rispons għaż-żieda fl-immigrazzjoni, f'Novembru 2015 il-Kummissjoni waqqfet ukoll Grupp ta' Bejn is-Servizzi dwar l-integrazzjoni tal-migranti, li kien jinkludi persunal minn diversi Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni.

50. F'awditu preċedenti, aħna sibna li kien hemm duplikazzjonijiet sinifikanti bejn il-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni, il-predeċessur tal-AMIF, u l-FSE[71]. Ir-rapport tagħna kkonkluda li l-koerenza u l-komplementarjetà mal-FSE, kemm fil-fażi ta' tfassil kif ukoll f'dik ta' implimentazzjoni, ma kinux effettivi. Minbarra r-riskju akbar ta' finanzjament doppju, id-duplikazzjonijiet jikkawżaw spejjeż addizzjonali (eż. spejjeż għall persunal) u qed jintilfu sinerġiji potenzjali.

51. Skont il-Kummissjoni, **biex dawn ir-riskji jiġu minimizzati**, il-bażi legali tal-AMIF għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 attwali ġiet aġġustata. Barra minn hekk, il-Kummissjoni wettqet djalogu ta' politika mal-Istati Membri u rrevediet il-programmi internament qabel ma adottathom. Fl-2015, il-Kummissjoni ppubblikat ukoll **żewġ noti[72]** fejn ikkjarifikat id-differenzi bejn il-fondi u tat gwida lill-Istati Membri dwar kif l-aħjar jiksbu l-komplementarjetà u s-sinerġiji. Il-Kummissjoni organizzat ukoll **konferenzi** u **sessjonijiet ta'**

**ħidma**[73] u waqqfet **netwerks**[74] mal-awtoritajiet nazzjonali biex tispjega kif il-fondi jistgħu jintużaw. F'Jannar 2018, il-Kummissjoni ppubblikat **sett ta' għodod** dwar l-użu tal-Fondi tal-UE[75]. Barra dan, bħala parti mill-**proċess ta' analiżi ta' nofs it-terminu tal-AMIF**, il-Kummissjoni rrikjediet li l-Istati Membri[76] jevalwaw il-komplementarjetà tal-AMIF ma' fondi rilevanti oħra tal-UE. Madankollu, il-Kunsill, fil-konklużjonijiet tiegħu dwar il-politika ta' koeżjoni wara l-2020[77], talab li l-Kummissjoni "twettaq analiżi bir-reqqa tal-komplementarjetajiet u d-duplikazzjoni bejn l-istrumenti tal-UE bi tħejjija għall-perijodu ta' wara l-2020 bil-ħsieb li jissaħħu s-sinerġiji bejniethom", filwaqt li saħaq li l-istrumenti baġitarji kollha tal-UE jridu jikkomplementaw lil xulxin.

<u>L-Istati Membri huma responsabbli għall-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi ta' koordinazzjoni effettivi</u>

52. L-Istati Membri huma responsabbli biex jiddeċiedu liema fondi għandhom jużaw, u biex jiżguraw li dawn jintużaw b'mod koerenti - filwaqt li jisfruttaw l-ambitu għas-sinerġiji u jipprevjenu l-finanzjament doppju. Fl-istħarriġ li tagħna, 23 Stat Membru[78] qalu li huma kellhom korp li jikkoordina l-organizzazzjonijiet differenti responsabbli għall-integrazzjoni tal-migranti. Madankollu, ir-rapporti tas-SAIs li aħna analizzajna identifikaw dgħufijiet fil-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni ta' 8 minn dawk it-23 Stat Membru. Barra dan, 3 Stati Membri biss irrappurtaw li kienu ħarġu gwida dwar il-koordinazzjoni. Dan **jindika li hemm ir-riskju li s-sinerġiji u l-komplementarjetà jintilfu**, anke f'każijiet fejn ikun twaqqaf korp ta' koordinazzjoni.

53. Il-ħtieġa għal rwol b'saħħtu ta' tmexxija nazzjonali hija partikolarment importanti fid-dawl tal-istruttura ta' governanza b'diversi livelli li hija meħtieġa mill-fondi li jistgħu jintużaw għall-integrazzjoni, u li tinvolvi korpi u responsabbiltajiet differenti. Aħna kkalkulajna li hemm **aktar minn 400 organizzazzjoni differenti** involuti fil-**ġestjoni** ta' miżuri ffinanzjati mill-fondi tal-UE għall-integrazzjoni tal-migranti fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 u 500 korp addizzjonali fil-politika ta' Koeżjoni biss li jimplimentaw il-fondi (l-FSE/ YEI, il-FEŻR u l-FK)[79]. Rapporti preċedenti tal-QEA[80] u studji mwettqa mill-Kummissjoni[81] ddikjaraw li l-**mekkaniżmu ta' tfassil u ta' eżekuzzjoni** tal-FSIE **huwa kumpless**. Bl-għan li r-regoli applikabbli għall-FSIE jiġu ssimplifikati, il-Kummissjoni pproponiet li r-regolamenti dwar il-fondi jiġu riveduti bħala parti mill-analiżi ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju

pluriennali 2014-2020 tal-UE. F'Novembru 2017, il-Kunsill talab lill-Kummissjoni biex tissimplifika l-politika ta' koeżjoni u l-FSIE għal wara l-2020[77].

54. Fil-livell nazzjonali, jeħtieġ li jkun hemm koordinazzjoni mhux biss bejn l-organizzazzjonijiet li jittrattaw il-fondi differenti (inklużi l-fondi nazzjonali), iżda wkoll bejn is-saffi differenti ta' implimentazzjoni (mill-awtoritajiet nazzjonali fil-livell nazzjonali/ reġjonali sal-korpi intermedjarji fil-livell muniċipali/ lokali). Analiżi mwettqa fil-kuntest tal-Aġenda Urbana (ara l-***paragrafu 45***), turi li l-bliet inġenerali ma għandhomx aċċess, jew għandhom biss aċċess limitat għal finanzjament għall-integrazzjoni minħabba li, taħt l-FSIE jew l-AMIF, il-fondi jingħaddew mill-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali[82]. **Diffikultajiet fl-aċċess għal fondi għall-integrazzjoni tal-migranti** ġew irrappurtati wkoll mis-SAIs (seba' rapporti f'sitt Stati Membri). L-organizzazzjonijiet l-oħra li intervistajna rrappurtaw li d-distribuzzjoni ta' fondi mill-awtoritajiet nazzjonali/ reġjonali lill-benefiċjarji mhux dejjem tkun trasparenti ħafna. Dan ġie aċċennat ukoll minn sitt SAIs f'seba' rapporti.

Sfida Nru 7: **Koordinazzjoni effettiva ta' finanzjament fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali**
Mingħajr koordinazzjoni effettiva fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali, hemm ir-riskju li l-kumplessità tal-arranġamenti ta' finanzjament tista' twassal għal implimentazzjoni ineffiċjenti tal-politiki (inqas komplementarjetà, inqas sinerġiji, diffikultajiet fl-aċċess għall-fondi, riskju ta' finanzjament doppju).

**KUMMENTI TAL-AĦĦAR**

55. L-integrazzjoni hija proċess dinamiku bidirezzjonali, fit-tul u kontinwu li jinvolvi kemm il-migranti kif ukoll is-soċjetà li tilqagħhom. L-integrazzjoni tal-migranti fis-soċjetajiet il-ġodda tagħhom ġewwa l-UE mhijiex faċli, partikolarment minħabba ż-żieda sinifikanti fil-kwantità ta' migranti f'dawn l-aħħar 10 snin. Madankollu, din hija sfida li l-Unjoni hija impenjata li tindirizza, u integrazzjoni effettiva tista' twassal għadd ta' benefiċċji ekonomiċi, soċjali u fiskali għall-pajjiżi fejn imorru joqogħdu l-migranti (ara l-***paragrafu 6***).

56. F'dan id-dokument, aħna ppreżentajna l-problemi prinċipali relatati mal-integrazzjoni tal-migranti, u aċċennajna seba' sfidi ewlenin:

- Tnaqqis ta' dewmien biex jinbeda l-proċess ta' integrazzjoni
- Garanzija ta' drittijiet indaqs u ta' nondiskriminazzjoni

- Valutazzjoni soda u komprensiva ta’ ħtiġijiet u ta’ finanzjament
- Impenn mill-Istati Membri biex jimplimentaw il-Pjan ta' Azzjoni
- Appoġġ lill-migranti kollha fl-oqsma rilevanti kollha ta' politika
- Monitoraġġ effettiv tal-eżiti ta’ integrazzjoni biex jitkejjel il-progress u, jekk ikun meħtieġ, jiġu adattati l-politiki
- Koordinazzjoni effettiva ta’ finanzjament fil-livell tal-UE u f’dak nazzjonali.

57. Sabiex jingħelbu dawn l-isfidi, jeħtieġ li jsiru sforzi effettivi u kkoordinati min-naħa ta’ dawk kollha involuti: l-istituzzjonijiet tal-UE, il-gvernijiet nazzjonali, reġjonali u lokali - kif ukoll aġenziji u organizzazzjonijiet volontarji oħra. Din l-azzjoni hija meħtieġa biex tagħti tifsira għall-kliem li hemm fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li jiddikjara li “L-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza ... u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem”.

Dan id-Dokument Informattiv u Analitiku ġie adottat mill-Awla II, immexxija mis-Sinjura Iliana IVANOVA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-
25 ta’ April 2018.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Klaus-Heiner LEHNE
*President*

*Anness I*

# Glossarju

## Terminoloġija relatata mal-migrazzjoni: migranti, refuġjati u persuni li jfittxu l-asil ma jfissrux l-istess ħaġa

It-termini migrant, refuġjat u persuna li tfittex l-asil mhumiex sinonimi. Biex wieħed jifhem il-qafas tal-UE dwar l-integrazzjoni jrid l-ewwel nett jifhem id-differenza bejn dawn it-termini. Għal aktar informazzjoni dwar terminoloġija relatata mal-migrazzjoni, ara l-glossarju tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni (EMN)[83].

- **Persuna li tfittex l-asil** (jew applikant għall-asil) hija migrant li jitlob il-protezzjoni taħt il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951[84] (protezzjoni internazzjonali) jew il-liġi nazzjonali dwar ir-refuġjati (protezzjoni nazzjonali).
- **Benefiċjarju ta' protezzjoni umanitarja** huwa migrant li tkun ingħatatlu protezzjoni taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali. Skont l-EMN, il-protezzjoni umanitarja hija forma ta' protezzjoni armonizzata mhux fil-kuntest tal-UE li fil-preżent hija normalment sostitwita minn protezzjoni sussidjarja, ħlief f'ċerti Stati Membri.
- **Benefiċjarju ta' protezzjoni sussidjarja** huwa migrant li ma jikkwalifikax bħala refuġjat fis-sens strett tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra (jiġifieri, ma jeżistix biża' ġustifikat ta' persekuzzjoni), iżda jkun hemm raġunijiet sostanzjali li jindikaw li jekk il-persuna kkonċernata tiġi rritornata lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħha, jew fil-każ ta' persuna mingħajr Stat, lejn il-pajjiż ta' residenza abitwali preċedenti tagħha, tiffaċċja riskju reali li ssofri danni serji (bħal eżekuzzjoni, tortura, kunflitt jew ksur massiv tad-drittijiet tal-bniedem).
- **Persuna li tirrisjedi mingħajr awtorizzazzjoni** hija migrant li ma jissodisfax, jew ma għadux jissodisfa, il-kundizzjonijiet għad-dħul kif stipulati fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jew kundizzjonijiet oħra ta' dħul, soġġorn jew residenza fi Stat Membru.
- **Migrant li jkun ġej minn barra t-territorju tal-UE** - ara ċittadin ta' pajjiż terz.
- **Refuġjat** huwa persuna li ġiet rikonoxxuta li teħtieġ protezzjoni internazzjonali. Fil-kuntest tal-UE, migrant li minħabba biża' ġustifikat li jiġi ppersegwitat għal raġunijiet ta' razza, reliġjon, nazzjonalità, sħubija ta' grupp soċjali partikolari jew opinjoni politika, ikun barra mill-pajjiż taċ-ċittadinanza tiegħu u ma jkunx jista' jew, minħabba biża' bħal dan, ma jkunx irid jagħmel użu mill-protezzjoni ta' dak il-pajjiż, u li għalih l-Artikolu 12 (esklużjoni) tad-Direttiva 2011/95/UE (id-Direttiva dwar il-Kwalifiki) ma japplikax.
- **Rilokazzjoni** hija trasferiment ta' persuna li tkun taħt protezzjoni internazzjonali (jew li tapplika għal protezzjoni internazzjonali) mill-Istat Membru tal-UE li jkun taha protezzjoni (jew li jkun responsabbli għall-eżaminar tal-applikazzjoni tagħha) għal Stat Membru ieħor fejn tingħata protezzjoni simili (fejn l-applikazzjoni tagħha tiġi eżaminata).
- **Risistemazzjoni**, fil-kuntest tal-UE, tfisser trasferiment ta' migrant minn pajjiż terz għal Stat Membru fejn huwa jkun jista' jirrisjedi jew bi status ta' refuġjat jew inkella bi status li jkun joffri l-istess drittijiet u benefiċċji, skont id-dritt nazzjonali u dak tal-UE, bħall-istatus ta' refuġjat.

- Persuna **mingħajr Stat** hija persuna li ma titqiesx bħala ċittadin mill-ebda Stat skont id-dritt tiegħu. Fil-kuntest ta' dan id-dokument informattiv u analitiku, din il-persuna hija inkluża mat-TCNs.
- **Ċittadin ta' pajjiż terz** (TCN) huwa kull persuna li ma tkunx ċittadin tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 20(1) tat-TFUE, jiġifieri li ma jkollhiex ċittadinanza ta' Stat Membru (inklużi persuni mingħajr Stat). Fil-kuntest ta' dan id-dokument informattiv u analitiku, ċittadini ta' pajjiżi terzi huma migranti li jkunu ġejjin minn barra t-territorju tal-UE.

Għalhekk, hemm diversi kategoriji ta' migranti li minbarra refuġjati. Huwa ċar li persuna li tkun qed tfittex protezzjoni hija differenti minn kategoriji oħra ta' migranti li jemigraw għal skopijiet ta' impjieg, riunifikazzjoni tal-familja, studju jew riċerka.

Terminoloġija utli oħra, bbażata fuq l-Eurostat[85] hija:

- **Deċiżjoni finali** dwar applikazzjonijiet għall-asil tfisser deċiżjoni li tittieħed fl-aħħar istanza tal-proċedura ta' applikazzjoni għall-asil li tirriżulta mill-appell ippreżentat mill-persuna li tkun qed tfittex l-asil u li l-applikazzjoni tagħha tkun ġiet irrifjutata fl-istadju preċedenti tal-proċess.
- **Deċiżjoni fl-ewwel istanza** dwar applikazzjoni għall-asil tfisser deċiżjoni li tittieħed mill-awtorità responsabbli bħala l-ewwel istanza tal-proċedura ta' applikazzjoni għall-asil fil-pajjiż riċeventi. Din id-deċiżjoni tista' tkun pożittiva (jingħata l-asil) jew inkella negattiva (l-applikazzjoni tiġi rifjutata). F'każ ta' deċiżjoni negattiva, il-persuni li jkunu qed ifittxu l-asil ikollhom id-dritt li jappellaw.
- **Applikant għall-asil għall-ewwel darba** huwa persuna li tkun ippreżentat applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għall-ewwel darba fi Stat Membru partikolari matul il-perjodu referenzjarju, irrispettivament mill-fatt li hija tinstab li tkun applikat fi Stat Membru ieħor.
- **Permess ta' Residenza** huwa kull awtorizzazzjoni valida għal mill-inqas tliet xhur li tinħareġ mill-awtoritajiet ta' Stat Membru tal-UE, li tippermetti li migrant jirrisjedi legalment fit-territorju tiegħu.

**Terminoloġija oħra**

- Il-**Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF)** jippromwovi l-ġestjoni effiċjenti tal-flussi tal-migrazzjoni u l-implimentazzjoni, it-tisħiħ u l-iżvilupp ta' approċċ komuni tal-Unjoni għall-asil u l-immigrazzjoni.
- **Politika ta' Koeżjoni**: Il-politika ta' koeżjoni hija waħda mill-akbar oqsma ta' politika li fuqha jintnefaq il-baġit tal-UE. Hija għandha l-għan li tnaqqas id-disparitajiet fl-iżvilupp bejn reġjuni differenti, tirristruttura żoni industrijali li jkunu sejrin lura u tiddiversifika żoni rurali, kif ukoll li tħeġġeġ il-kooperazzjoni transkonfinali, transnazzjonali u interreġjonali. Hija ffinanzjata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK).
- **Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)**: Il-FAEŻR huwa l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE għall-programmi tal-iżvilupp rurali, u għandu l-għan li jistimula l-kompetittività agrikola, filwaqt li jiżgura l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u tal-

azzjonijiet klimatiċi, kif ukoll li jikseb żvilupp territorjali bbilanċjat ta’ ekonomiji rurali inklużi l-ħolqien u ż-żamma tal-impjieg.

- In-**Netwerk Ewropew għall-Integrazzjoni (EIN)** jippromwovi l-kooperazzjoni ma’ entitajiet nazzjonali, lokali u reġjonali kif ukoll ma netwerks oħra fil-livell tal-UE f’oqsma relatati mal-integrazzjoni tal-migranti. Huwa waħda mill-miżuri tal-“Pjan ta' Azzjoni dwar l-integrazzjoni” li ġew implimentati mill-Kummissjoni u jissostitwixxi n-Netwerk preċedenti tal-Punti ta’ Kuntatt Nazzjonali dwar l-Integrazzjoni.
- Il-**Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS)** għandu l-għan li jgħin lis-sajjieda fit-tranżizzjoni għal sajd sostenibbli u li jappoġġa lill-komunitajiet kostali fid-diversifikazzjoni tal-ekonomiji tagħhom.
- **Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)**: Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għandu l-għan li jirrinforza l-koeżjoni ekonomika u soċjali fi ħdan l-Unjoni Ewropea billi jirrimedja l-iżbilanċi reġjonali prinċipali permezz ta’ appoġġ finanzjarju għall-ħolqien ta’ infrastruttura u permezz ta’ investiment produttiv li joħloq l-impjiegi, prinċipalment għan-negozji.
- **Fond Soċjali Ewropew (FSE)**: Il-Fond Soċjali Ewropew għandu l-għan li jippromwovi livelli għoljin ta’ impjieg u ta’ kwalità tal-impjiegi, iħeġġeġ livell għoli ta’ edukazzjoni u taħriġ għal kulħadd, jiġġieled kontra l-faqar u jsaħħaħ l-inklużjoni soċjali, biex b’hekk jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fi ħdan l-Unjoni Ewropea.
- **Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE)**: Aktar minn nofs il-finanzjament mill-UE jitwassal permezz tal-ħames Fondi strutturali u ta’ investiment Ewropej. Dawn huma mmaniġġjati b’mod konġunt mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Istati Membri tal-UE. Il-fondi jinkludu: il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR); il-Fond Soċjali Ewropew (FSE); il-Fond ta’ Koeżjoni (FK); il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR); u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS).
- Il-**Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD)** jikkontribwixxi biex itaffi l-agħar forom ta’ faqar, billi jipprovdi assistenza mhux finanzjarja lill-persuni l-aktar fil-bżonn permezz ta’ assistenza alimentari u/jew assistenza materjali bażika, kif ukoll permezz ta’ attivitajiet ta’ inklużjoni soċjali mmirati lejn l-integrazzjoni soċjali tal-persuni l-aktar fil-bżonn.
- **Integrazzjoni/Inklużjoni**: Integrazzjoni, skont il-“Prinċipji Bażiċi Komuni għall-politika ta’ integrazzjoni tal-immigranti”, hija proċess dinamiku bidirezzjonali ta’ adattament reċiproku mill-immigranti u mir-residenti ta’ Stat Membru. Integrazzjoni u inklużjoni spiss jintużaw bħala sinonimi: integrazzjoni ġeneralment tintuża fil-kuntest tal-azzjoni li timmira lejn l-applikazzjoni effettiva tad-drittijiet jew tal-valuri fundamentali (kif deskritt fl-Artikolu 2 tat-TFUE) filwaqt li l-inklużjoni tissemma aktar ta’ spiss fil-kuntest ta’ miżuri soċjoekonomiċi.
- **Istituzzjonijiet supremi tal-awditjar (SAI)**: korpi nazzjonali responsabbli għall-eżaminar tad-dħul u l-infiq tal-gvern. Kull Stat Membru tal-UE għandu s-SAI tiegħu, u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri hija s-SAI tal-UE.
- **TFUE**: It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- L-**Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI):** Din l-inizjattiva għandha l-għan li tipprovdi appoġġ finanzjarju lil reġjuni b'rati ta' qgħad fost iż-żgħażagħ ta' aktar minn 25 %.

***Anness II***

## Għadd ta' migranti fl-Istati Membri u l-perċentwal tagħhom fil-popolazzjoni (2017)




*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Eurostat, is-sitwazzjoni f'Marzu 2018.

*Anness III*

## Stħarriġ dwar l-integrazzjoni tal-migranti

Aħna rċevejna r-risposti għall-istħarriġ tagħna bejn it-18 ta' Ottubru u l-20 ta' Diċembru 2017. Il-Membri kollha tan-Netwerk Ewropew għall-Integrazzjoni rrispondew u rċevejna 32 risposta: 4 mill-Belġju (ir-reġjun ta' Brussell, il-komunità li titkellem bil-Ġermaniż, ir-reġjun Fjamming u r-reġjun ta' Walloon), waħda minn kull wieħed mis-27 Stat Membru l-ieħor u waħda min-Norveġja.

Hawn taħt, nagħtu l-għadd ta' risposti għall kull waħda mill-mistoqsijiet: Mhux il-membri kollha tal-EIN irrispondew għall-mistoqsijiet kollha. Iċ-ċifri jirrappreżentaw l-għadd ta' Membri tal-EIN li rrispondew għall-mistoqsija speċifika tal-istħarriġ, u ma jikkorrispondux għall-għadd ta' Stati Membri.

**Mistoqsija 1** - Isem u dettalji ta' kuntatt tal-persuna li qed timla dan l-istħarriġ

| **Mistoqsija 2** - X'inhuma l-gruppi fil-mira tal-politika ta' integrazzjoni li inti timplimenta? | | |
|---|---|---|
| | Immarka jekk applikabbli | Immarka jekk hemm fokus partikolari[4] |
| **Persuna li qed tfittex jew li tingħata protezzjoni** | | |
| Refuġjati | 29 | 20 |
| Benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja | 27 | 17 |
| Benefiċjarji ta' protezzjoni umanitarja | 21 | 12 |
| Persuni li jfittxu l-asil | 20 | 6 |
| **Migranti oħra** | | |
| Membri tal-familja | 26 | 5 |
| Ħaddiema bi kwalifiki għoljin | 16 | 4 |
| Riċerkaturi | 15 | 4 |
| Studenti | 18 | 5 |
| Ħaddiema oħra | 20 | 3 |
| Persuni mingħajr Stat | 19 | 4 |
| Tfal migranti[1] | 25 | 11 |
| Nisa migranti | 23 | 7 |
| Migranti Żgħażagħ | 26 | 6 |
| Migranti stabbiliti f'żoni rurali | 20 | 3 |
| Migranti li għadhom kemm waslu[2] u li għandhom permess ta' residenza | 23 | 8 |
| Ċittadini mwielda barra mill-pajjiż[3] | 14 | 5 |
| Ċittadini tal-UE[3] | 14 | 4 |

Noti: [1] Jiġifieri migranti minorenni, akkumpanjati jew le. [2] Residenza legali ta' inqas minn sena fil-pajjiż ospitanti. [3] Ma għandhomx jitqiesu bħala migranti li ġejjin minn barra t-territorju tal-UE. [4] Immarka jekk hemm azzjonijiet speċifiċi jew jekk hemm parti importanti mill-finanzjament immirata lejn il-grupp.

| **Mistoqsija 3** - Il-fatturi li ġejjin kif jikkontribwixxu għall-effettività tal-integrazzjoni tal-migranti?[1] | | | |
|---|---|---|---|
| | Negattiv | Pożittiv | Ebda impatt |
| **Ambjent ekonomiku u politiku** | | | |
| Ambjent ekonomiku (Rata ta' impjieg, bidliet demografiċi, eċċ.) | 11 | 22 | 3 |
| Ambjent politiku | 8 | 23 | 3 |
| **Finanzjament għall-integrazzjoni** | | | |
| Disponibbiltà u aċċessibbiltà għall-fondi tal-UE | 1 | 28 | 0 |
| Disponibbiltà u aċċessibbiltà għall-fondi nazzjonali/ reġjonali u/ jew lokali | 2 | 26 | 3 |
| **Politika ta' integrazzjoni** | | | |
| Eżistenza ta' politika ta' integrazzjoni fil-livell nazzjonali/ reġjonali jew lokali | 0 | 30 | 1 |
| Kwalità tat-tfassil tal-politika fil-livell nazzjonali/ reġjonali jew lokali | 0 | 27 | 2 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Inklużjoni (mainstreaming) tal-politika ta' integrazzjoni f'politiki rilevanti oħra | 0 | 27 | 3 |
| Rwol tal-NGOs u ta' partijiet interessati oħra | 0 | 31 | 0 |
| Koordinazzjoni fost il-livelli differenti ta' governanza | 0 | 28 | 2 |
| Entitajiet istituzzjonali ddedikati għall-integrazzjoni tal-migranti | 0 | 24 | 3 |
| Monitoraġġ tal-politiki | 0 | 24 | 5 |
| Liġijiet u strumenti ta' politika tal-UE | 2 | 26 | 4 |
| **Attitudni lejn l-integrazzjoni** | | | |
| Miżuri kontra d-diskriminazzjoni fil-pajjiż | 2 | 28 | 1 |
| Attitudni tal-popolazzjoni ospitanti | 6[2] | 19 | 3 |
| Attitudni tal-migranti | 1 | 21 | 5 |
| Promozzjoni tas-sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji tal-integrazzjoni | 0 | 24 | 4 |
| **Drittijiet legali tat-TCNs** | | | |
| Aċċess għas-suq tax-xogħol | 1 | 29 | 0 |
| Aċċess għar-riunifikazzjoni tal-familja | 1 | 27 | 1 |
| Aċċess għaċ-ċittadinanza/ għar-residenza fuq terminu twil | 0 | 26 | 3 |
| Aċċess għas-servizzi soċjali u tas-saħħa | 2 | 29 | 0 |
| Aċċess għall-akkomodazzjoni | 3 | 24 | 2 |
| Aċċess għall-edukazzjoni | 0 | 28 | 1 |
| **Ħiliet-edukazzjoni** | | | |
| Għarfien tat-TCNs rigward il-lingwa tas-soċjetà ospitanti | 4 | 26 | 2 |
| Proċeduri biex jiġu rikonoxxuti l-kwalifiki | 4 | 26 | 1 |
| Livell edukattiv tal-migranti | 4 | 18 | 8 |

Nota: [1] F'xi każijiet, ir-rispondenti identifikaw aktar minn tip wieħed ta' impatt għal fattur iddeterminat. Għalhekk, l-għadd totali ta' risposti għal kull fattur jista' jkun aktar mill-għadd totali ta' rispondenti. [2] Żewġ rispondenti rrimarkaw li l-attitudni tal-popolazzjoni ospitanti kellha kemm impatt pożittiv kif ukoll impatt negattiv.

| **Mistqosija Nru 4** - L-isfida migratorja reċenti tal-UE (mill-2014 'il hawn) wasslet lil pajjiżek biex jibdel xi aspett tal-politika ta' integrazzjoni segwita? | |
|---|---|
| | Immarka jekk applikabbli |
| Ħolqien ta' strateġiji / ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali u/jew reġjonali u/jew lokali | 22 |
| Bidla fl-allokazzjoni tal-fondi għall-integrazzjoni tal-migranti | 22 |
| Ħolqien ta' entità ġdida biex tittratta aspett partikolari tal-politika, jew għoti ta' aktar funzjonijiet lil entità eżistenti | 17 |
| Il-ħtiġijiet tal-migranti ġew ivvalutati mill-ġdid | 14 |
| Il-fokus ġie ttrasferit għal grupp fil-mira ieħor (eż. refuġjati, migranti żgħażagħ, eċċ.) | 16 |
| Żvilupp ta' miżuri addizzjonali | 15 |
| Żvilupp ta' aktar indikaturi | 7 |
| Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika) | 3 |

| **Mistoqsija 5** - Hemm studji/ evidenza dwar l-effetti tal-politika ta' integrazzjoni ta' pajjiżek fuq l-integrazzjoni tal-migranti? | |
|---|---|
| Iva – 22 | Le – 9 |

| **Mistoqsija 6** - Liema fondi juża pajjiżek biex jimplimenta miżuri għall-integrazzjoni tal-migranti? | | |
|---|---|---|
| Fondi tal-UE | | |
| AMIF | Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni | 30 |
| Fondi SOLID | Programm ġenerali dwar is-Solidarjetà u l-Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni li jikkonsisti f'erba' fondi (il-FEI, il-FER, l-FFE, l-FR) | 23 |
| FAEŻR | Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali | 3 |
| FEMS | Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd | 0 |
| FSE | Fond Soċjali Ewropew | 23 |
| FEŻR | Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali | 5 |
| FEAD | Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn | 4 |
| EaSI | Programm tal-UE għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali | 1 |
| Orizzont 2020 | Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni | 1 |

| | | |
|---|---|---|
| YEI | Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ | 1 |
| ERASMUS+ | Programm Ewropew għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport | 6 |
| COSME | Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi żgħar u medji | 0 |
| Programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" | | 0 |
| Programm "Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza" | | 0 |
| Programm "Ġustizzja" | | 0 |
| | | |
| Fondi nazzjonali | | 24 |

| **Mistoqsija 7** - L-għadd ta' migranti li huma appoġġati u l-finanzjament korrispondenti (impenji) mill-fondi tal-UE u dawk nazzjonali huma magħrufa? | | |
|---|---|---|
| Iva – 6 | Parzjalment – 20 | Le – 5 |

| **Mistoqsija 8** - L-għadd ta' migranti li huma appoġġati u l-finanzjament korrispondenti mill-fondi tal-UE u dawk nazzjonali huma ddettaljati skont il-gruppi ta' migranti (eż. ħaddiema, refuġjati, membri tal-familja, eċċ.)? | | | |
|---|---|---|---|
| Fondi tal-UE | Iva, għall-fondi kollha | Iva, għal xi fondi | Le |
| | 1 | 10 | 18 |
| Fondi nazzjonali | Iva, għall-fondi kollha | Iva, għal xi fondi | Le |
| | 2 | 5 | 16 |

| **Mistoqsija 9** - Hemm korp ta' koordinazzjoni fost l-entitajiet differenti responsabbli għall-implimentazzjoni tal-miżuri relatati mal-integrazzjoni tal-migranti? | |
|---|---|
| Iva – 26 | Le – 5 |

| **Mistoqsija 10** - Il-fondi differenti tal-UE qed jappoġġaw l-istess tip ta' interventi għall-istess grupp fil-mira meta l-azzjonijiet jiġu implimentati f'pajjiżek? | | |
|---|---|---|
| Iva – 2 | Parzjalment – 8 | Le – 19 |

| **Mistoqsija 11** - Jekk jogħġbok agħti l-għadd totali u r-ripartizzjoni korrispondenti tal-entitajiet responsabbli għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-miżuri relatati mal-integrazzjoni tal-migranti. | |
|---|---|
| Nota: Intużaw approċċi differenti fir-risposti għal din il-mistoqsija. Għalhekk, ir-riżultati ma għandhomx sinifikat u mhumiex ippreżentati hawn | Total |
| **Implimentazzjoni tal-fondi nazzjonali** | |
| (dipartimenti tal-)Ministeri | |
| Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika) | |
| Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika) | |
| **Implimentazzjoni tal-fondi tal-UE** | |
| Awtoritajiet maniġerjali | |
| Korpi intermedjarji | |
| Awtoritajiet Responsabbli | |
| Awtoriajiet Delegati | |
| Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika) | |
| Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika) | |
| **TOTAL** | |

| **Mistoqsija 12** - Pajjiżek juża l-indikaturi ta' Zaragoza? | | | |
|---|---|---|---|
| | L-indikaturi kollha jintużaw | L-indikaturi jintużaw parzjalment | L-indikaturi ma jintużawx |
| Impjieg | 1 | 13 | 16 |
| Edukazzjoni | 1 | 14 | 15 |
| Inklużjoni soċjali | 3 | 11 | 16 |
| Ċittadinanza attiva | 2 | 11 | 17 |

| **Mistoqsija 13** - Pajjiżek juża indikaturi oħra biex jimmonitorja l-iżvilupp tal-politika ta' integrazzjoni li huwa jimplimenta? | |
|---|---|
| Iva– 16 | Le – 15 |

| **Mistoqsija 14** - L-Istat Membru tiegħek għandu xi regoli li jillimitaw il-ġbir ta' *data* għal kull grupp ta' migranti? | |
|---|---|
| Iva – 10 | Le – 20 |

**Mistoqsija 15** - Jekk jogħġbok agħti żewġ eżempji ta' proġetti ffinanzjati mill-UE li qed jiġu implimentati f'pajjiżek u li huma ta' rilevanza sinifikanti għall-integrazzjoni tal-migranti (għal żewġ oqsma differenti ta' integrazzjoni u għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020).

| **Mistoqsija 16** - Taħseb li l-appoġġ ipprovdut mill-Kummissjoni Ewropea għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika ta' integrazzjoni f'pajjiżek kien rilevanti? | | | |
|---|---|---|---|
| Rilevanti – 19 | Parzjalment jew mhux rilevanti għalkollox – 8 | Mhux rilevanti – 0 | Ebda appoġġ ma ġie pprovdut – 2 |

**Mistoqsija 17** - Mill-appoġġ ipprovdut mill-Kummissjoni, liema aspett huwa meqjus bħala l-aktar apprezzat?

**Mistoqsija 18** - Kif jista' jittejjeb l-appoġġ ipprovdut mill-Kummissjoni?

| **Mistoqsija 19** - Pajjiżek iqis li jenħtieġ li tiżdied il-kompetenza tal-UE fil-qasam tal-integrazzjoni tal-migranti?<br>Nota: iċ-ċifri jirrappreżentaw l-għadd ta' risposti għal kull kategorija. | |
|---|---|
| Iva – 9 | Le – 20 |

**Anness tal-istħarriġ** - Jekk jogħġbok immarka l-oqsma ta' integrazzjoni fejn qed jiġu implimentati azzjonijiet għall-integrazzjoni tal-migranti fir-rigward tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

| **Fond tal-UE** | **Miżuri ta' Integrazzjoni** | **Immarka jekk applikabbli** | **Fond tal-UE** | **Miżuri ta' Integrazzjoni** | **Immarka jekk applikabbli** |
|---|---|---|---|---|---|
| AMIF | Impjieg | 12 | FEAD | Impjieg | 0 |
| | Edukazzjoni | 24 | | Edukazzjoni | 0 |
| | Taħriġ vokazzjonali | 11 | | Taħriġ vokazzjonali | 0 |
| | Akkomodazzjoni | 16 | | Akkomodazzjoni | 0 |
| | Saħħa | 16 | | Saħħa | 0 |
| | Inklużjoni soċjali | 26 | | Inklużjoni soċjali | 4 |
| FSE/ YEI | Impjieg | 15 | FEŻR | Impjieg | 0 |
| | Edukazzjoni | 8 | | Edukazzjoni | 0 |
| | Taħriġ vokazzjonali | 13 | | Taħriġ vokazzjonali | 2 |
| | Akkomodazzjoni | 2 | | Akkomodazzjoni | 2 |
| | Saħħa | 2 | | Saħħa | 3 |
| | Inklużjoni soċjali | 14 | | Inklużjoni soċjali | 3 |
| FAEŻR | Impjieg | 0 | FEMS | Impjieg | 0 |
| | Edukazzjoni | 0 | | Edukazzjoni | 0 |
| | Taħriġ vokazzjonali | 0 | | Taħriġ vokazzjonali | 0 |
| | Akkomodazzjoni | 0 | | Akkomodazzjoni | 0 |
| | Saħħa | 0 | | Saħħa | 0 |
| | Inklużjoni soċjali | 2 | | Inklużjoni soċjali | 0 |

*Anness IV*

# Kronoloġija tal-qafas tal-UE għall-integrazzjoni tal-migranti

## Anness IV

Inizjattivi tal-Kunsill | Għodod għall-Integrazzjoni | Fondi tal-UE għall-integrazzjoni | Azzjoni tal-Kummissjoni | Trattat | Didaskalija

### Programm ta' Tampere 1999-2004

Jitlob li jkun hemm politika komuni dwar l-immigrazzjoni li tkun tinkludi politiki aktar dinamiċi għall-integrazzjoni tal-migranti li jkunu qed jirrisjedu legalment fl-UE

**2003**

Ħolqien ta' **Punti ta' Kuntatt Nazzjonali dwar l-Integrazzjoni**
Netwerk ta' esperti governattivi li għandhom l-għan li jistimulaw l-iskambju ta' prattiki tajbin u jsaħħu l-koordinazzjoni tal-politiki nazzjonali ta' integrazzjoni

**2004**

**Prinċipji Bażiċi Komuni** għall-Politika ta' Integrazzjoni tal-Immigranti
Gwida mhux vinkolanti ta' prinċipji bażiċi li bi tqabbil magħhom l-Istati Membri jistgħu jivvalutaw l-isforzi proprji tagħhom

**L-Ewwel Edizzjoni tal-Manwal dwar l-Integrazzjoni**
Tagħlimiet meħuda u prattiki tajbin li jinsiltu mill-esperjenza ta' dawk li jfasslu l-politika u dawk li jaħdmu fil-qasam

### Programm tal-Aja 2005-2009

Jistabbilixxi 10 prijoritajiet li jenfasizzaw l-importanza li ssir evalwazzjoni tal-politiki ta' integrazzjoni u li jiġi adottat approċċ olistiku biex tiġi ffaċilitata u mħeġġa l-interazzjoni mil-livell lokali sal-livell tal-UE

**2005**

**Aġenda Komuni għall-Integrazzjoni**
Qafas għall-Integrazzjoni tal-migranti fl-UE
Qafas għall-implimentazzjoni tal-Prinċipji Bażiċi Komuni

**2007**

Bidu tal-**Fond Ewropew għall-Integrazzjoni għall-perjodu 2007-2013**
Jagħti appoġġ lill-Istati Membri u lis-soċjetà ċivili fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki u l-miżuri ta' integrazzjoni, kif ukoll fl-iskambji ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-integrazzjoni

It-Tieni Edizzjoni tal-**Manwal dwar l-Integrazzjoni**

**2009**

Dħul fis-seħħ tat-**Trattat ta' Lisbona**
Jipprovdi bażi legali espliċita għall-inċentivi u l-appoġġ li l-UE tagħti għall-azzjonijiet tal-Istati Membri intenzjonati li jippromwovu l-integrazzjoni ta' migranti li jirrisjedu legalment fl-UE

Ħolqien tal-**Forum Ewropew dwar l-Integrazzjoni**
Pjattaforma għad-djalogu bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-istituzzjonijiet Ewropej

### Programm ta' Stokkolma 2010-2014

Jitlob li jsir aktar progress fl-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tal-indikaturi ewlenin

**2010**

Tnedija tas-**Sit Web Ewropew dwar l-Integrazzjoni**

**Dikjarazzjoni ta' Zaragoza** (u Indikaturi ta' Zaragoza)
L-Istati Membri jaqblu li jsegwu sett ta' indikaturi biex isaħħu l-komparabbiltà tad-*data*, jimmonitorjaw l-eżiti tal-politiki ta' integrazzjoni u janalizzaw l-ippjanar futur tal-politiki

**2011**

**Aġenda Ewropea għall-Integrazzjoni tal-migranti**
Tipprovdi stampa ġenerali tal-inizjattivi tal-UE biex tappoġġa l-integrazzjoni tal-migranti

It-Tielet Edizzjoni tal-**Manwal dwar l-Integrazzjoni**

**Żieda fil-fluss migratorju lejn l-UE**

**2014**

**Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni għall-perjodu 2014-2020**
Jippromwovi l-ġestjoni effiċjenti tal-flussi tal-migrazzjoni u l-implimentazzjoni, it-tisħiħ u l-iżvilupp ta' approċċ komuni tal-Unjoni għall-asil u l-immigrazzjoni

### Linji Gwida Strateġiċi 2015-2019

fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja

Jenfasizzaw li jenħtieġ li l-Unjoni tagħti appoġġ lill-isforzi tal-Istati Membri biex isegwu politiki attivi ta' integrazzjoni

**2015**

**Moduli Ewropej dwar l-Integrazzjoni tal-Migranti**
Imorru pass aktar mill-"Manwali" billi jipprovdu qafas ta' referenza dwar l-integrazzjoni

**Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni**
Tiddeskrivi miżuri immedjati fil-qasam tal-Migrazzjoni bħala rispons għall-fluss l-aktar reċenti ta' migrazzjoni

**Pjan ta' Azzjoni dwar l-integrazzjoni tal-migranti**
Jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri fl-iżvilupp u t-tisħiħ tal-politiki ta' integrazzjoni tagħhom, u jiddeskrivi l-miżuri konkreti li l-Kummissjoni tkun se timplimenta

Ħolqien tal-**Forum Ewropew dwar il-Migrazzjoni**
Jissostitwixxi l-Forum Ewropew dwar l-Integrazzjoni

**2016**

**Konklużjonijiet dwar l-integrazzjoni ta' migranti li jirrisjedu legalment fl-UE**
Il-Kunsill Ewropew jirrikonoxxi l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar l-integrazzjoni u jistieden lill-Istati Membri jipparteċipaw b'mod attiv

*Sors:* Il-QEA.

***Anness V***

## <u>Direttivi fis-seħħ dwar il-migrazzjoni li huma rilevanti għall-integrazzjoni tal-migranti</u>

### *Direttivi taħt il-**Politika** Ewropea **dwar il-Migrazzjoni Legali***

| Direttiva | Skop | Status |
|---|---|---|
| Id-Direttiva tal-Kunsill **2003**/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 kif emendata bid-Direttiva 2011/51/UE | **Residenti fit-tul** - Il-migranti kollha li jirrisjedu legalment fit-territorju ta' pajjiż tal-UE għal mill-inqas ħames snin ta' residenza legali kontinwa, jingħataw status ta' "resident fit-tul". | Il-konsultazzjoni pubblika dwar il-kontroll tal-idoneità (Inizjattiva REFIT) għalqet fit-18 ta' Settembru 2017.<br><br>Nota: l-Inizjattiva REFIT hija proċess li skontu l-leġiżlazzjoni u l-miżuri eżistenti jiġu analizzati biex jiġi żgurat li l-benefiċċji tad-dritt tal-UE jinkisbu bl-inqas spiża mill-partijiet ikkonċernati, iċ-ċittadini u l-amministrazzjonijiet pubbliċi, kif ukoll li, kull fejn possibbli, l-ispejjeż regolatorji jitnaqqsu mingħajr ma jiġu affettwati l-objettivi ta' politika segwiti mill-inizjattiva inkwistjoni. |
| Id-Direttiva tal-Kunsill Nru **2003**/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 | **Riunifikazzjoni tal-Familja** - Tistabbilixxi r-regoli u l-kundizzjonijiet li japplikaw għal migranti li jkunu jirrisjedu legalment fl-UE u jġibu magħhom il-konjugi tagħhom, it-tfal taħt l-età u t-tfal tal-konjugi tagħhom, li ma jkunux ċittadini tal-UE, fl-Istat Membru li jkunu jirrisjedu fih. | |
| Id-Direttiva **2011**/98/UE tat-13 ta' Diċembru 2011 | **Permess Uniku** - Proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal migranti biex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema migranti residenti legalment fi Stat Membru. | |
| Id-Direttiva **2014**/66/UE tal-15 ta' Mejju 2014 | **Ħaddiema bi trasferimenti intra-azjendali** - Kundizzjonijiet għad-dħul u r-residenza għal migranti biex jiġu ffaċilitati t-trasferimenti intra-azjendali tal-ħaddiema. | |
| Id-Direttiva **2014**/36/UE tas-26 ta' Frar 2014 | **Ħaddiema staġjonali** - Regoli minimi għall-ammissjoni ta' ħaddiema migranti b'livell baxx ta' ħiliet. | |
| Id-Direttiva **2016**/801 tal-11 ta' Mejju 2016 | **Studenti u riċerkaturi** - Regoli ġodda għad-dħul u r-residenza ta' studenti u riċerkaturi migranti kif ukoll għal studenti, trainees, voluntiera u au pairs. | |
| Id-Direttiva tal-Kunsill **2009**/50/KE tal-25 ta' Mejju 2009[1] | **Karta Blu tal-UE** (qed tiġi riveduta) - Kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' impjieg bi kwalifiki għoljin | F'Marzu 2018 kienet **qed tiġi riveduta**: Il-Proposta tal-Kummissjoni COM(2016) 378 |

### *Direttivi li jinsabu fit-tieni stadju tas-**Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA)***

| | | |
|---|---|---|
| Id-Direttiva **2013**/32/UE tas-26 ta' Ġunju 2013 (riformulazzjoni) | **Proċeduri Riveduti tal-Asil** - Tistabbilixxi l-proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali | F'Marzu 2018 kienet **qed tiġi riveduta**: Il-Proposta tal-Kummissjoni COM(2016) 467 |
| Id-Direttiva **2013**/33/UE tas-26 ta' Ġunju 2013 (riformulazzjoni) | **Kundizzjonijiet Riveduti ta' Akkoljenza** - Tistabbilixxi l-istandards għall-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali | F'Marzu 2018 kienet **qed tiġi riveduta**: Il-Proposta tal-Kummissjoni COM(2016) 465 |
| Id-Direttiva **2011**/95/UE tat-13 ta' Diċembru 2011 (riformulazzjoni) | **Direttiva Riveduta dwar il-Kwalifiki** - Standards għall-kwalifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat (status) uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija. | F'Marzu 2018 kienet **qed tiġi riveduta**: Il-Proposta tal-Kummissjoni COM(2016) 466 |

| | | |
|---|---|---|
| Id-Direttiva tal-Kunsill **2001**/55/KE tal-20 ta’ Lulju 2001 | **Protezzjoni Temporanja** - Standards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi tagħhom. | Sa issa, din id-Direttiva għadha ma ġietx applikata. Il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni fl-2016. |

Nota: Id-Danimarka ma tapplikax ir-regoli applikabbli għall-UE kollha fir-rigward tal-politiki dwar il-migrazzjoni, il-viża u l-asil. L-Irlanda u r-Renju Unit jagħżlu, fuq bażi ta’ każ b’każ, jekk jadottawhomx.

[1] Din il-proposta tinkludi wkoll modifiki għad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE.

*Sors*: Il-QEA.

*Anness VI*

## Kundizzjonijiet ta’ integrazzjoni previsti fil-liġi tal-UE dwar il-migrazzjoni

<table>
<tr><th></th><th>Permess ta' residenza</th><th>Aċċess għall-impjieg</th><th>Aċċess għall-edukazzjoni</th><th>Rikonoxximent tal-Kwalifiki</th><th>Aċċess għas-servizzi soċjali</th><th>Aċċess għall-kura tas-saħħa</th><th>Dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja</th><th>Libertà tal-moviment</th></tr>
<tr><td>Persuni li jfittxu l-asil<br>Direttiva 2013/33/UE</td><td>Mhux fid-direttiva</td><td>Mhux aktar tard minn disa’ xhur mid-data meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali</td><td>Għal minorenni: l-istess bħaċ-ċittadini</td><td colspan="2">Mhux fid-direttiva</td><td>Mill-inqas, kura f’każ ta’ emerġenza kif ukoll kura u trattament essenzjali f’każ ta’ mard u ta’ disturbi mentali serji</td><td>Eskluż bid-Direttiva Nru 2003/86</td><td>Ġewwa l-Istat Membru ospitanti jew ġewwa żona assenjata</td></tr>
<tr><td>Refuġjati<br>Direttiva 2011/95/UE</td><td>Minimu ta’ tliet snin, jista’ jerġa’ jiġġedded</td><td rowspan="2">Immedjatament wara l-għoti tal-istatus</td><td colspan="4">L-istess bħaċ-ċittadini</td><td>Jingħata</td><td rowspan="2">L-istess bħal dak ta’ migranti oħra li jirrisjedu legalment</td></tr>
<tr><td>Benefiċjarji ta’ protezzjoni sussidjarja<br>Direttiva 2011/95/UE</td><td>Mill-inqas sena, jista’ jerġa’ jiġġedded</td><td colspan="2">L-istess bħaċ-ċittadini</td><td>Jista’ jkun limitat għal benefiċċji bażiċi</td><td>L-istess bħaċ-ċittadini</td><td>Eskluż bid-Direttiva Nru 2003/86</td></tr>
<tr><td>Membri tal-familja<br>Direttiva Nru 2003/86/KE</td><td>Sena, jista’ jerġa’ jiġġedded</td><td>L-istess bħaċ-ċittadini, iżda l-Istat Membru jista’ jirrestrinġi l-aċċess</td><td>L-istess bħaċ-ċittadini</td><td colspan="2">Mhux fid-direttiva</td><td>Sponsor biex jipprovdi assigurazzjoni kontra l-mard</td><td>M/A</td><td>Mhux fid-direttiva</td></tr>
<tr><td>Ħaddiema bi kwalifiki għoljin<br>Direttiva 2009/50/KE</td><td>Minn sena sa erba’ snin, jista’ jerġa’ jiġġedded kif stabbilit mill-Istat Membru. Jekk il-kuntratt ta’ xogħol ikun < minn sentejn: id-durata tal-kuntratt tkun + tliet xhur</td><td>L-ewwel sentejn huma ristretti għal attivitajiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-ammissjoni. Wara dan, l-Istat Membru jista’ japplika l-istess trattament bħal dak għaċ-ċittadini</td><td colspan="4">L-istess bħaċ-ċittadini</td><td>Jingħata</td><td>Tingħata</td></tr>
<tr><td>Ħaddiema staġjonali<br>Direttiva 2014/36/UE</td><td>Bejn 5 u 9 xhur fi kwalunkwe perjodu ta’ 12-il xahar</td><td>Ristrett għall-attività speċifika ta' impjieg awtorizzata bil-permess</td><td>L-istess bħaċ-ċittadini, iżda l-Istat Membru jista’ jirrestrinġih</td><td>L-istess bħaċ-ċittadini</td><td>L-istess bħaċ-ċittadini iżda l-Istat Membru jista’ jeskludi l-benefiċċji tal-familja u tal-qgħad</td><td>Mhux fid-direttiva</td><td>Eskluż bl-Artikolu 3 tad-Direttiva Nru 2003/86</td><td>Tingħata</td></tr>
<tr><td>Ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali<br>Direttiva 2014/66/UE</td><td>Massimu ta’ tliet snin għall-maniġers u l-ispeċjalisti u ta’ sena għall-impjegati trainees</td><td>Ristrett għall-attività speċifika ta' impjieg awtorizzata bil-permess</td><td>Mhux fid-direttiva</td><td colspan="2">L-istess bħaċ-ċittadini</td><td>Mhux fid-Direttiva 2014/66/UE</td><td>Jingħata</td><td>Tingħata</td></tr>
<tr><td>Ħaddiema migranti oħra<br>Direttiva 2011/98/UE</td><td>Mhux fid-direttiva</td><td>Għall-attività awtorizzata fil-permess biss</td><td colspan="3">L-istess bħaċ-ċittadini</td><td>L-istess bħaċ-ċittadini, iżda l-Istat Membru jista’ jirrestrinġih</td><td>Jingħata</td><td>Tingħata</td></tr>
</table>

| | Permess ta' residenza | Aċċess għall-impjieg | Aċċess għall-edukazzjoni | Rikonoxximent tal-Kwalifiki | Aċċess għas-servizzi soċjali | Aċċess għall-kura tas-saħħa | Dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja | Libertà tal-moviment |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Riċerkatur, studenti, taħriġ, servizz volontarju, skambju ta' studenti, au pairing** Direttiva (UE) 2016/801 | Għall-perjodu ta' attività Jista' jiġi estiż b'mill-inqas disa' xhur oħra għar-riċerkaturi u l-istudenti | Jingħata lir-riċerkaturi u l-istudenti wara l-ikkompletar tar-riċerka jew l-istudji | L-istess bħaċ-ċittadini L-Istat Membru jista' jillimitah jekk ma jkunx hemm reċiproċità mal-pajjiż ta' oriġini tal-migrant | L-istess bħaċ-ċittadini | Kompetenza tal-Istat Membru | Ħtieġa ta' assigurazzjoni kontra l-mard għad-durata tas-soġġorn | Jingħata lir-riċerkaturi | Tingħata |
| **Residenti migranti fit-tul** Direttiva 2003/109/KE | Mill-inqas ħames snin, u jiġġedded meta tiġi ppreżentata applikazzjoni | L-istess bħaċ-ċittadini | | | | | Jingħata | Tingħata |

*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-migrazzjoni.

*Anness VII*

## Stampa ġenerali tal-azzjonijiet eliġibbli relatati mal-integrazzjoni, taħt l-AMIF, l-FSIE u l-FEAD

Dan l-anness jiġbor fil-qosor l-interventi simili, għall-fondi differenti tal-UE taħt ġestjoni kondiviża, għal kull waħda mill-azzjonijiet stipulati fir-Regolament dwar l-AMIF (l-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 516/2014) relatat mal-integrazzjoni tal-migranti.

| | Oqsma prijoritarji ta' azzjoni taħt l-AMIF | FEAD | FSE | FEŻR | FAEŻR | FEMS |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Integrazzjoni | It-twaqqif u l-iżvilupp tal-istrateġiji ta' integrazzjoni, inkluż l-analiżi tal-bżonnijiet, it-titjib tal-indikaturi [tal-integrazzjoni] u l-evalwazzjoni | Le | Iva | Le | Le | Le |
| | Pariri u assistenza f'oqsma bħall-akkomodazzjoni fi djar, mezzi ta' sussistenza, gwida amministrattiva u legali, saħħa medika, psikoloġika u kura soċjali, tħaris (indukrar) tat-tfal u riunifikazzjoni tal-familja | Iva[1] | Parzjalment | Parzjalment[5] | Iva (prinċipalment CLLD/ LEADER) | Le |
| | Azzjonijiet ta' introduzzjoni tal-migranti fis-soċjetà riċeventi u li jippermettulhom li jadattaw għaliha, biex jinfurmawhom dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom, biex jipparteċipaw fil-ħajja ċivili u kulturali u biex jaqsmu l-valuri minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea | Iva[1] | Iva[4] | Le | Le | Le |
| | Edukazzjoni u taħriġ, inkluż taħriġ fil-lingwa u azzjonijiet ta' tħejjija li jiffaċilitaw l-aċċess għas-suq tax-xogħol | Le | Iva | Parzjalment[5] | Iva | Iva |
| | Azzjonijiet ta' awtonomija personali u li jippermettu li l-migranti jipprovdu għalihom infushom | Iva[2] | Iva[4] | Parzjalment[6] | Iva | Parzjalment[8] |
| | Azzjonijiet biex jippromwovu kuntatt sinifikattiv u djalogu kostruttiv bejn il-migranti u s-soċjetà riċeventi, u azzjonijiet biex jippromwovu l-aċċettazzjoni mis-soċjetà riċeventi | Le | Iva | Le | Iva | Iva[9] |
| | Ugwaljanza tal-aċċess u riżultati ugwali fit-trattamenti ma' servizzi pubbliċi u privati, inkluż l-adattament ta' dawn is- | Iva[1] | Iva | Iva[7] | Iva | Le |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | servizzi biex jittrattaw mal-migranti | | | | | |
| Bini ta' kapaċità ta' benefiċjarji | | Iva[3] | Iva | Iva | Le | Le |

Noti:

[1] (PO II) bil-ħsieb tal-inklużjoni tagħhom fis-soċjetà.

[2] (PO II) bil-ħsieb tal-inklużjoni tagħhom fis-soċjetà (barra l-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol).

[3] Għall-Organizzazzjonijiet sħab.

[4] F'każ li dawn il-miżuri jkunu parti minn sett integrat ta' miżuri biex jgħinu lill-persuni li jkunu qed ifittxu asil jintegraw fis-suq tax-xogħol.

[5] Peress li l-FEŻR jista' jinvesti fil-kostruzzjoni/ fir-rinnovazzjoni tal-infrastrutturi soċjali għall-migranti.

[6] Pereżempju permezz ta' negozji ġodda, mikrointrapriżi, appoġġ għall-impjieg indipendenti.

[7] B'mod partikolari, permezz ta' investimenti fl-iżviluppi infrastrutturali ta' servizzi pubbliċi

[8] Jekk l-appoġġ ikun marbut mal-bidu ta' negozju.

[9] Taħt Żvilupp lokali mmexxi mill-komunità (CLLD) (bl-eċċezzjoni ta' infrastruttura).

*Sors:* Nota tal-Kummissjoni dwar is-Sinerġiji bejn l-AMIF u strumenti oħra ta' finanzjament mill-UE fir-rigward tal-akkoljenza u l-integrazzjoni ta' persuni li jfittxu l-asil u migranti oħra, u s-servizzi tal-Kummissjoni.

**NOTI TAT-TMIEM**

[1] Ċifra tal-2014. L-Eurostat, "Migrant integration" (Integrazzjoni tal-Migranti), edizzjoni tal-2017, ibbażata fuq il-modulu *ad hoc* tal-LFS 2014; din iċ-ċifra teskludi d-Danimarka, l-Irlanda u n-Netherlands.

[2] L-istatistika tal-Eurostat dwar permessi ta' residenza, is-sitwazzjoni f'Marzu 2018.

[3] Dokumenti ta' ħidma tal-JRC fl-Ekonomija u l-Finanzi, 2017/4, "Long-term Social, Economic and Fiscal Effects of Immigration into the EU: The Role of the Integration Policy" (Effetti Soċjali, Ekonomiċi u Fiskali fit-Tul tal-Immigrazzjoni lejn l-UE: Ir-Rwol tal-Politika ta' Integrazzjoni), Artis Kancs u Patrizio Lecca, 2017.

[4] "Common basic principles for immigrant integration policy" (Prinċipji bażiċi komuni għall-politika ta' integrazzjoni tal-immigranti), il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni, Novembru 2004.

[5] In-Netwerk Ewropew għall-Integrazzjoni (EIN) jiġbor flimkien rappreżentanti tal-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali mit-28 pajjiż kollha tal-UE, flimkien mal-Iżlanda u n-Norveġja. Huwa jippromwovi l-kooperazzjoni mal-entitajiet nazzjonali, lokali u reġjonali u ma' netwerks oħra fil-livell tal-UE f'oqsma relatati mal-integrazzjoni tal-migranti. Huwa waħda mill-miżuri tal-"Pjan ta' Azzjoni dwar l-integrazzjoni" li ġew implimentati mill-Kummissjoni u jissostitwixxi n-Netwerk preċedenti tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali dwar l-Integrazzjoni.

[6] Aħna rċevejna 32 risposta: 4 mill-Belġju (ir-reġjun ta' Brussell, il-komunità li titkellem bil-Ġermaniż, ir-reġjun Fjamming u r-reġjun ta' Walloon), waħda minn kull wieħed mis-27 Stat Membru l-ieħor u waħda min-Norveġja.

[7] Is-SAIs ipprovdew 78 rapport, iżda 34 minnhom kienu relatati ma' aspetti ta' integrazzjoni li mhumiex inklużi fl-ambitu tagħna, bħas-sigurtà u l-asil, jew aspetti speċifiċi ta' ġestjoni finanzjarja lokali.

[8] Ir-Rapport Speċjali Nru 6/2017 tal-QEA, "Ir-rispons tal-UE għall-kriżi tar-refuġjati: l-approċċ "hotspot"".

[9] Ir-Rapport Speċjali Nru 22/2012 tal-QEA "Il-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni u l-Fond Ewropew għar-Refuġjati jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi?".

[10] Ir-Rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2015 (ĠU 2016/C 375/01) u r-Rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2016 (ĠU C 322 tat-28.09.2017).

[11] "The EMN provides information on migration and asylum with a view to supporting policymaking in the European Union" (L-EMN jipprovdi informazzjoni dwar il-migrazzjoni u l-asil bil-ħsieb li jappoġġa t-tfassil ta' politiki fl-Unjoni Ewropea), https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-o/networks/european_migration_network_en.

[12] It-Trattat jippermetti li l-UE tistabbilixxi "miżuri sabiex jinkoraġġixxu u jappoġġaw l-azzjoni tal-Istati Membri bl-għan li tiġi promossa l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fit-territorju tagħhom, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Istati Membri." L-Artikolu 79(4) tat-TFUE (ĠU C 326, 26.10.2012, p. 47-390).

[13] ĠU C 340, 10.11.1997, p. 1-144.

[14] Il-Programm ta' Tampere huwa programm ta' ħames snin tal-Kunsill Ewropew għall-Politika tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni għall-perjodu 1999-2004 li sar qbil dwaru fil-laqgħa tal-Kunsill tal-15 u s-16 ta' Ottubru 1999.

[15] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2013 dwar l-integrazzjoni tal-migranti, l-effetti tagħha fuq is-suq tax-xogħol u d-dimensjoni esterna tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali.

[16] Council conclusions of the Council and the Representatives of the Governments of the Member States on the integration of third-country nationals legally residing in the EU (Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fl-UE), tal-5 u s-6 ta' Ġunju 2014.

[17] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-"Aġenda Ewropea għall-Integrazzjoni ta' Persuni bin-Nazzjonalità ta' Pajjiżi Terzi", KUMM(2011) 455 finali, u d-dokument ta' ħidma tal-persunal intitolat "EU initiatives supporting the integration of third-country nationals" (Inizjattivi tal-UE li jappoġġaw l-integrazzjoni ta' persuni bin-nazzjonalità ta' pajjiżi terzi), SEC(2011) 957 final, it-tnejn li huma tal-20.7.2011.

[18] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-"Pjan ta' Azzjoni dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi", is-7.6.2016, COM(2016) 377 final.

[19] Id-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà, "Handbook on Integration for policy_makers and practitioners" (Manwal dwar l-Integrazzjoni għal dawk li jfasslu l-politika u dawk li jaħdmu fil-qasam). Hemm tliet edizzjonijiet disponibbli: Novembru 2004, Mejju 2007 u April 2010.

[20] https://ec.europa.eu/migrant-integration/home.

[21] Id-Danimarka ma tapplikax ir-regoli pplikabbli għall-UE kollha fir-rigward tal-politiki dwar il-migrazzjoni, il-viża u l-asil. L-Irlanda u r-Renju Unit jagħżlu, fuq bażi ta' każ b'każ, jekk jadottawhomx jew le.

[22] Ara, pereżempju, l-istudji li saru min-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni: "Family Reunification of Third-Country Nationals in the EU plus Norway: National Practices" (Riunifikazzjoni tal-Familji taċ-Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi: Prattiki Nazzjonali) ta' April 2017, "Integration of beneficiaries of international/ humanitarian protection into the labour market: policies and good practices" (Integrazzjoni tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali/umanitarja fis-suq tax-xogħol: politiki u prattiki tajbin) ta' Lulju 2016, "Migrant access to social security and healthcare: policies and practice" (Aċċess mill-migranti għas-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa: politiki u prattika) ta' Lulju 2014; "Comparative Study of the Laws in the 27 EU Member States for Legal Immigration" (Studju Komparattiv tal-Liġijiet fis-27 Stat Membru tal-UE għall-Immigrazzjoni Legali) tal-Parlament Ewropew u l-IOM, tal-2009; u r-rapport tal-Grupp tal-Politika dwar il-Migrazzjoni intitolat "Strategic developments on migrant integration policies in Europe" (Żviluppi strateġiċi dwar il-politiki ta' integrazzjoni tal-migranti fl-Ewropa), Huddleston *et al*, 2016.

[23] Ara l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali - COM(2016) 465 final tat-13.7.2016 u d-dokument informattiv tal-Parlament intitolat "Secondary movements of asylum-seekers in the EU asylum system" (Spostamenti sekondarji ta' dawk li jfittxu l-asil fis-sistema tal-asil tal-UE), Ottubru 2017.

[24] Ir-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-2016 tas-sistema ċentrali tal-Eurodac, inklużi l-funzjonament tekniku u s-sigurtà tagħha skont l-Artikolu 40 (1) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013, Mejju 2017.

[25] Ara, pereżempju, i) il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-"Pjan ta' Azzjoni dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi", COM(2016) 377 final tas-7.6.2016 u ii) ir-rapport tal-OECD "Making Integration Work: Refugees and others in need of protection" (Is-suċċess tal-Integrazzjoni: Refuġjati u persuni oħra li jeħtieġu protezzjoni), 2016.

[26] Hotspot ġiet iddefinita bħala żona fil-fruntieri esterni tal-UE li tiffaċċja pressjoni migratorja sproporzjonata. Ara r-Rapport Speċjali Nru 6/2017 tal-QEA, "Ir-rispons tal-UE għall-kriżi tar-refuġjati: l-approċċ "hotspot"".

[27] Il-ħtieġa li jiġi żgurat trattament ġust għaċ-ċttadini ta' pajjiżi terzi hija ddikjarata fl-"Aġenda Komuni għall-Integrazzjoni", KUMM(2005) 389 finali tal-1.9.2005; fl-"Aġenda Ewropea għall-Integrazzjoni ta' Persuni bin-Nazzjonalità ta' Pajjiżi Terzi", KUMM(2011) 455 finali tal-20.7.2011 u fil-konklużjonijiet ta' Tampere tal-1999.

[28] L-Artikoli 10 u 18 tat-TFUE.

[29] Jiġifieri, id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE "li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità" tad-29.6.2000 (ĠU L 180 p. 0022-0026) u d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE "li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol" tas-27.11.2000 (ĠU L 303, p. 0016-0022).

[30] Ara, pereżempju, ir-Rapporti mill-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill dwar: 1) l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/109/KE dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti fit-tul, KUMM(2011) 585 final tad-29.9.2011; u 2) l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/50/KE dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjieg b'livell għoli ta' kwalifiki, COM(2014) 287 final tat-22.5.2014.

[31] In-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni, ir-Rapport Annwali 2016 dwar il-Migrazzjoni u l-Asil, il-25 ta' April 2017, verżjoni finali (il-paġna 56).

[32] L-Ewrobarometru Speċjali 437, "Discrimination in the EU in 2015 – Summary" (Diskriminazzjoni fl-UE fl-2015 – Sommarju), Ottubru 2015, imwettaq mit-TNS Opinion & Social fuq talba tad-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi (DĠ JUST) u kkoordinat mid-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (l-Unità "Strateġija, Azzjonijiet ta' Komunikazzjoni Korporattiva u Ewrobarometru" tad-DĠ COMM).

[33] L-Ewrobarometru Standard 87, "Public opinion in the European Union" (Opinjoni pubblika fl-Unjoni Ewropea), ir-rebbiegħa 2017, imwettaq mit-TNS Opinion & Social fuq talba tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni.

[34] Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE u tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, SWD(2014) 5 final, COM(2014) 2 final tas-17.1.2014.

[35] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2013 dwar l-integrazzjoni tal-migranti, l-effetti tagħha fuq is-suq tax-xogħol u d-dimensjoni esterna tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali.

[36] Jean-Claude Juncker, "A New Start for Europe: My Agenda for Jobs, Growth, Fairness and Democratic Change" (Bidu Ġdid għall-Ewropa: L-Aġenda tiegħi għal Impjiegi, Tkabbir, Ġustizzja u Tibdil Demokratiku), Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss, Diskors tal-Ftuħ fis-Sessjoni Plenarja tal Parlament Ewropew, "Towards a new policy on Migration" (Lejn politika ġdida dwar il-Migrazzjoni), il-15 ta' Lulju 2014.

[37] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Mejju 2015, "Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni", COM(2015) 240 final.

[38] Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST) huwa stabbilit fl-Artikoli 121, 126 u 136 tat-TFUE, u fil-Protokoll Nru 12 li huwa anness għat-TFUE. Il-PST jiġi implimentat permezz ta' leġiżlazzjoni sekondarja fil-forma tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1) u r-Regolament (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6).

[39] Għal aktar informazzjoni dwar il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ara d-Dokument Istituzzjonali Nru 052 dwar l-Ekonomija Ewropea tad-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, "Vade Mecum on the Stability growth Pact" (*Vademecum* dwar il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir), ISSN 2443-8014, Marzu 2017.

[40] Għal aktar informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' flessibbiltà ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni COM(2015) 12 final tat-12.1.2015, "L-aħjar użu tal-flessibbiltà fir-regoli eżistenti tal-Patt tal-Istabbiltà u Tkabbir" u d-dokument intitolat "Commonly agreed position on flexibility" (Pożizzjoni maqbula b'mod komuni dwar il-flessibbiltà), li ġie approvat mill-Kunsill ECOFIN (Frar 2016).

[41] Ara l-Artikolu 126(2) tat-TFUE, l-Artikoli 5.1 u 6.3 tar-Regolament Nru 1466/97 u l-Artikolu 2.1 tar-Regolament Nru 1467/97.

[42] Ara n-nota ta' informazzjoni li d-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji bagħat lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, "Orientation for the SGP treatment of refugee-related budgetary costs" (Orjentazzjoni għat-trattament tal-ispejjeż baġitarji relatati mar-refuġjati taħt il-PST), Ares(2015) 4678008, 29.10.2015.

[43] Ara r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż tal-pajjiżi rispettivi għall-2016 u l-2017. https://ec.europa.eu/info/european-semester/european-semester-timeline/eu-country-specific-recommendations/2016-european_en.

[44] Is-Semestru Ewropew huwa ċiklu ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika li jibda minn Novembru u jkompli sa Lulju tas-sena ta' wara. Huwa għandu l-għan li jiżgura li l-isforzi individwali tal-Istati Membri jkunu kkoordinati u ffukati sabiex ikollhom l-impatt mixtieq fuq it-tkabbir. Il-Kummissjoni twettaq analiżi dettaljata tal-programmi ta' riforma ekonomika u strutturali tal-pajjiżi, u tipprovdi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għat-12 sa 18-il xahar sussegwenti. Il-Kunsill jiddiskuti u jadotta formalment dawn ir-rakkomandazzjonijiet, li jiġu approvati mill-Kunsill Ewropew. Għalhekk, jingħata parir dwar il-politiki lill-Istati Membri qabel ma dawn jiffinalizzaw il-baġits nazzjonali tagħhom għas-sena ta' wara.

[45] Is-sitwazzjoni f'Jannar 2018. Id-Deċiżjoni (UE) 2015/2248 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ottubru 2015 dwar il-Mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà għal miżuri baġitarji immedjati taħt l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni (ĠU L 318, 4.12.2015, p. 36-37), id-Deċiżjoni (UE) 2016/253 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar il-Mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità għal miżuri baġitarji immedjati biex tiġi indirizzata l-kriżi tar-refuġjati (ĠU L 47, 24.2.2016, p. 6-7), id-Deċiżjoni (UE) 2017/342 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità għall-finanzjament ta' miżuri baġitarji immedjati biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-migrazzjoni, tar-refuġjati u tas-sigurtà (ĠU L 50, 28.2.2017, p. 53-54), id-Deċiżjoni (UE) 2018/8 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà għall-finanzjament ta' miżuri baġitarji immedjati biex jiġu indirizzati t-theddidiet kontinwi tal-migrazzjoni, tad-dħul tar-refuġjati u tas-sigurtà (ĠU L 3, 6.1.2018, p. 5-6) u d-Deċiżjoni (UE) 2018/51 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà biex tipprovdi l-finanzjament għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (ĠU L 7, 12.1.2018, p. 37-38).

[46] Id-Deċiżjoni (UE) 2017/339 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar il-

mobilizzazzjoni tal-marġni ta' kontinġenza fl-2016 u d-Deċiżjoni (UE) 2017/344 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Diċembru 2016 dwar il-mobilizzazzjoni tal-marġni ta' kontinġenza fl-2017.

47 https://ec.europa.eu/migrant-integration/main-menu/eus-work/actions.

48 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar l-integrazzjoni ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fl-UE, 15312/16, id-9 ta’ Diċembru 2016.

49 L-Għodda għall-Profil tal-Ħiliet hija disponibbli fuq: www.ec.europa.eu/migrantskills.

50 Skont ir-rapport tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), "Together in the EU - Promoting the participation of migrants and their descendants” (Flimkien fl-UE - Nippromwovu l-parteċipazzjoni tal-migranti u tad-dixxendenti tagħhom) tal-2017, sa tmiem l-2015, ħames Stati Membri kien għad ma kellhomx stabbilita politika ta’ integrazzjoni nazzjonali jew reġjonali. Sadanittant, tnejn minn dawk l-Istati Membri rrappurtaw fl-istħarriġ li wettaqna li huma kienu żviluppaw pjanijiet ta’ azzjoni.

51 Ara wkoll ir-Rapport tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), "Together in the EU - Promoting the participation of migrants and their descendants” (Flimkien fl-UE - Nippromwovu l-parteċipazzjoni tal-migranti u tad-dixxendenti tagħhom) tal-2017.

52 Id-Dikjarazzjoni tal-Konferenza ministerjali Ewropea dwar l-integrazzjoni, Zaragoza, il-15 u s-16 ta’ April 2010 u li ġiet approvata mill-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni fit-3-4 ta’ Ġunju 2010.

53 Ara r-rapport mill-Eurostat: “Zaragoza pilot study - Indicators of immigrant integration” (Studju pilota ta’ Zaragoza - Indikaturi tal-integrazzjoni tal-immigranti), Marzu 2011 u r-rapport ikkuntrattat mid-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Interni: “Using EU Indicators of Immigrant Integration” (L-użu ta’ Indikaturi tal-UE fir-rigward tal-Integrazzjoni tal-Immigranti), Marzu 2013, Thomas Huddleston, Jan Niessen u Jasper Dag Tjaden.

54 L-istħarriġ tal-UE dwar il-forza tax-xogħol (EU-LFS) u l-Istatistika tal-Unjoni Ewropea dwar l-Introjtu u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien (EU-SILC).

55 Dan huwa r-rapport ta’ segwitu għar-Rapport tal-2015 imwettaq mill-OECD, “Indicators of Immigrant Integration 2015, Settling In” (Indikaturi tal-Integrazzjoni tal-Immigranti 2015, Nistabbilixxu ruħna), fuq http://www.oecd-ilibrary.org/content/book/9789264234024-en.

56 Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1851 tal-14.6.2016 li jadotta l-programm ta' moduli *ad hoc*, li jkopri s-snin 2019, 2020 u 2021, għall-istħarriġ kampjunarju dwar il-forza tax-xogħol (ĠU L 284, 20.10.2016, p. 1–4).

57 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 220/2010 tas-16.3.2010 li jadotta l-programm ta’ moduli *ad hoc* , li jkopri s-snin mill-2013 sal-2015, għall-istħarriġ permezz ta’ kampjun dwar il-forza tax-xogħol (ĠU L 67, 17.3.2010, p. 1–3).

58 Il-MIPEX huwa proġett tal-UE kofinanzjat mill-AMIF u żviluppat miċ-Ċentru għall-Affarijiet Internazzjonali ta’ Barċellona u mill-Grupp tal-Politika dwar il-Migrazzjoni. Huwa jevalwa l-kapaċità tal-pajjiżi li jipprovdu lill-migranti mobbiltà fis-suq tax-xogħol, riunifikazzjoni tal-familja, edukazzjoni, parteċipazzjoni politika, residenza permanenti, aċċess għaċ-ċittadinanza, kura tas-saħħa u politiki kontra d-diskriminazzjoni. Huwa jiġbor flimkien 167 indikatur tal-politika. Aktar informazzjoni tingħata fuq: http://mipex.eu/.

59 L-Aġenda Urbana tal-UE, li tniedet f’Mejju 2016, tippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, il-bliet, il-Kummissjoni Ewropea u partijiet ikkonċernati oħra sabiex jintlaħqu l-potenzjal u l-kontribut kompleti taż-żoni urbani. L-aġenda bi ħsiebha ssib ideat prattiċi għas-suġġetti relatati mal-leġiżlazzjoni tal-UE, il-finanzjament u l-kondiviżjoni tal-għarfien. Hija magħmula

minn 12-il tema prijoritarja, li waħda minnhom hija l-"inklużjoni tal-migranti u r-refuġjati". Din tal-aħħar hija analizzata mis-sħubija dwar l-inklużjoni tal-migranti u r-refuġjati li tiġbor flimkien il-bliet, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej. Hija tiffoka fuq kif l-integrazzjoni fuq terminu medju u fit-tul tal-migranti u r-refuġjati hija relatata mal-Akkoljenza u l-interazzjoni tagħhom mal-komunità lokali, mal-Akkomodazzjoni, ix-Xogħol, l-Edukazzjoni u mal-kwistjoni trażversali ta' gruppi vulnerabbli. Il-koordinaturi huma l-belt ta' Amsterdam u d-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni (bħala kokoordinatur).

60 Ara l-Azzjoni Nru 7 ("Lejn aktar politiki ta' integrazzjoni bbażati fuq l-evidenza fil-bliet: nissettjaw l-aġenda, nesploraw indikaturi kumparabbli u niżviluppaw sett ta' għodod għat-trasferiment ta' prattiki tajbin") tal-"Action Plan - partnership on Inclusion of Migrants and Refugees" (Pjan ta' Azzjoni - sħubija dwar l-inklużjoni tal-Migranti u r-Refuġjati) fuq https://ec.europa.eu/futurium/en/inclusion-migrants-and-refugees/final-action-plan-partnership-inclusion-migrants-and-refugees.

61 L-Artikolu 57 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014.

62 Iċ-ċifri huma bbażati fuq ir-Rapport ta' Implimentazzjoni għall-2017 tal-AMIF, li ġie ppreżentat mill-Istati Membri f'Marzu 2018. Sal-4 ta' April 2018, ir-Rapport ta' Implimentazzjoni għall-2017 tal-Greċja ma kienx disponibbli. Dawn iċ-ċifri għadhom ma ġewx ivvalidati mill-Kummissjoni.

63 Dan jeskludi mill-kalkolu żewġ programmi nazzjonali li jitqiesu li huma anomaliji billi rrappurtaw li ntlaħqu miri li kienu aktar minn 10 darbiet ogħla mill-miri ssettjati.

64 L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1304/2013 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470-486).

65 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2012/2002, ir-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, UE Nru 1304/2013, (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1307/2013, (UE) Nru 1308/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. COM(2016) 605 final tal-14.9.2016.

66 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1997 tal-15.11.2016 (ĠU L 308, 16.11.2016, p. 5-7).

67 Il-ħames premessa tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1255/2014 tas-17.7.2014, li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn billi jistabbilixxi l-kontenut tar-rapporti annwali u finali ta' implimentazzjoni, inkluża l-lista ta' indikaturi komuni, (ĠU L 337, 25.11.2014, p. 46-50).

68 Ara l-Kaxxa 8.3 tar-Rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2016.

69 L-Artikolu 14.2 (e) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet.

70 L-Artikolu 15.1 (b) u l-Artikolu 96.6 (a) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd.

[71] Ir-Rapport Speċjali Nru 22/2012 tal-QEA: "Il-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni u l-Fond Ewropew għar-Refuġjati jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi?".

[72] Id-dokument, "Support to asylum seekers under the ESF and the FEAD" (Appoġġ għal persuni li jfittxu l-asil taħt l-FSE u l-FEAD) u "Synergies between the AMIF and other EU funding instruments in relation to reception and integration of asylum seekers and other migrants" (Sinerġiji bejn l-AMIF u strumenti oħra ta' finanzjament mill-UE fir-rigward tal-akkoljenza u l-integrazzjoni ta' persuni li jfittxu l-asil u migranti oħra), 2015.

[73] Pereżempju, il-jum ta' informazzjoni, li ġie organizzat fid-DĠ HOME fid-29 ta' Marzu 2017, fi Brussell, u li kien indirizzat għall-Istati Membri u għall-atturi fil-livell reġjonali u f'dak lokali.

[74] Pereżempju, il-Kummissjoni stabbiliet in-Netwerk Tematiku Transnazzjonali tal-FSE dwar il-Migranti fuq https://ec.europa.eu/esf/transnationality/forums/migrants.

[75] Dan huwa intitolat: Toolkit on the Use of EU Funds for the Integration of People with a Migrant Background (Sett ta' għodod dwar l-Użu tal-Fondi tal-UE għall-Integrazzjoni ta' Persuni li ġejjin minn Kuntest ta' Migrazzjoni), id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, Jannar 2018. Disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/regional_policy/en/information/publications/guides/2018/toolkit-on-the-use-of-eu-funds-for-the-integration-of-people-with-a-migrant-backgound.

[76] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/207 tat-3.10.2016 dwar il-qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni li jsir provvediment għalih fir-Regolament (UE) Nru 514/2014 (ĠU L 33, 8.2.2017, p. 1).

[77] Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sinerġiji u s-Simplifikazzjoni għall-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020, 657/17, li ġew adottati fit-3575 laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali li saret fil-15 ta' Novembru 2017.

[78] Inkluż il-Belġju, fejn tliet reġjuni ddikjaraw li kellhom korp ta' koordinazzjoni filwaqt li wieħed iddikjara li ma kellux.

[79] Il-kalkoli huma bbażati fuq l-informazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-ħatra ta' awtoritajiet u ta' korpi intermedjarji korrispondenti. Aħna qisna biss il-fondi tal-UE li l-Istati Membri ddikjaraw li jużaw u assumejna li l-programmi kollha disponibbli fihom miżuri rilevanti.

[80] Ara l-paragrafu 6.76 (ir-Rakkomandazzjoni 1) tar-"Rapport annwali tal-QEA dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2015" u l-paragrafu 6.41 (ir-Rakkomandazzjoni 3) tar-"Rapport annwali tal-QEA dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2016".

[81] Ara, pereżempju, ir-rapport finali tal-Kummissjoni intitolat, "Ex post evaluation of Cohesion Policy programmes 2007-2013, focusing on the ERDF, the ESF and the CF" (Evalwazzjoni *ex post* tal-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni 2007-2013, li tiffoka fuq il-FEŻR, l-FSE u l-FK) ta' Awwissu 2016 u d-dokument, "Final conclusions and recommendations of the High Level Group on Simplification for post 2020" (Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet finali tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-simplifikazzjoni għal wara l-2020) ta' Lulju 2017.

[82] Ara l-Azzjoni Nru 4 (Intejbu l-aċċess tal-bliet għal finanzjament mill-UE għall-integrazzjoni) tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Aġenda Urbana- sħubija dwar l-inklużjoni tal-Migranti u r-Refuġjati, fuq https://ec.europa.eu/futurium/en/inclusion-migrants-and-refugees/final-action-plan-partnership-inclusion-migrants-and-refugees.

[83] In-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni, "Asylum and Migration, Glossary 3.0" (Asil u Migrazzjoni, Glossarju 3.0), Ottubru 2014.

[84] Il-"Konvenzjoni ta' Ġinevra" dwar l-Istatus tar-Refuġjati li saret f'Ġinevra fit-28 ta' Lulju 1951, kif emendata bill-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967.

[85] http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Thematic_glossaries.

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors

©Unjoni Ewropea, 2018.
Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, irid jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.